KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 15 ta' April 2014
(OR. en)

9033/14

PUBLIC 70
INF 125

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL DIĊEMBRU 2013 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2013.[1] [2]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet tal-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jkunu ġew iffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts?lang=mt

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register?lang=mt

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes?lang=mt

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2013 | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3276 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)), li saret fi Brussell fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2013** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 884-891 | 11791/13 + REV 7 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba | 11838/13 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

**Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Riżorsi Proprji**

1. Skont l-Artikolu 311 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tipprovdi lilha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha; dan jistipula wkoll li, mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor, il-baġit għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi proprji. Artikolu 311 al. 3 jindika li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali, għandu unanimament u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew jadotta deċiżjoni dwar is-sistema ta' riżorsi proprji u li, f'dak il-kuntest, il-Kunsill jista' jistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew jabolixxi kategorija eżistenti.

2. Fuq il-bażi ta' dan, f'Ġunju 2011 il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' proposti biex tirriforma s-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni. Fil-laqgħa tiegħu tas-7/8 ta' Frar, il-Kunsill Ewropew qabel li l-arranġamenti tar-Riżorsi Proprji għandhom jiġu ggwidati mill-objettivi ġenerali tas-sempliċità, it-trasparenza u l-ekwità. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex ikompli jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja ġdida bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Huwa stieden ukoll lill-Istati Membri jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (TTF) biex jeżaminaw jekk tistax issir il-bażi għal riżorsa proprja ġdida għall-baġit tal-UE.

3. Il-kwistjoni tar-riżorsi proprji teħtieġ aktar xogħol. Għal dan il-għan, ser jitlaqqa' Grupp ta' livell għoli, magħmul minn membri maħtura mit-tliet istituzzjonijiet. Dan ser jieħu kont tal-kontribut kollu eżistenti jew li ġej li jista' jiġi pprovdut mit-tliet istituzzjonijiet Ewropej u mill-Parlamenti Nazzjonali. Dan għandu jisfrutta l-esperjenza xierqa, inkluż mill-awtoritajiet baġitarji u fiskali nazzjonali kif ukoll mill-esperti indipendenti.

4. Il-Grupp ser iwettaq rieżami ġenerali tas-sistema tar-Riżorsi Proprji ggwidat mill-objettivi ġenerali tas-sempliċità, it-trasparenza, l-ekwità u r-responsabbiltà demokratika. L-ewwel valutazzjoni ser tkun disponibbli fi tmiem l-2014. Il-progress tal-ħidma ser jiġi vvalutat fil-livell politiku b'laqgħat regolari, tal-inqas darba kull sitt xhur.

5. Il-Parlamenti Nazzjonali ser jiġu mistiedna għal konferenza interistituzzjonali matul l-2016 biex jivvalutaw l-eżitu ta' dan ix-xogħol.

6. Abbażi tar-riżultati ta' din il-ħidma, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk humiex adatti inizjattivi ġodda ta' Riżorsi Proprji. Din il-valutazzjoni ser issir b'mod parallel mar-rieżami msemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament QFP bil-ħsieb ta' riformi possibbli li jiġu kkunsidrati għall-perijodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-titjib tal-effettività tal-infiq pubbliku fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jaħdmu flimkien bl-objettiv tal-iffrankar fl-ispejjeż u titjib fis-sinerġiji fil-livelli nazzjonali u Ewropej sabiex titjieb l-effettività tan-nefqa pubblika fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE. Għal dan il-għan l-istituzzjonijiet, skont kif jikkunsidraw l-aktar xieraq, ser jisfruttaw, fost l-oħrajn, l-għarfien tal-aħjar prattiki, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni indipendenti disponibbli. Ir-riżultati għandhom ikunu disponibbli u jservu bħala bażi waħda għall-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. |
| **Dikjarazzjoni Konġunta**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-proċeduri baġitarji annwali applikati għall-QFP 2014-2020 ser jintegraw, kif adatt, elementi sensittivi għall-kwistjoni tal-ġeneru, b'kont meħud tal-modi li bihom il-qafas finanzjarju ġenerali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal iktar ugwaljanza bejn is-sessi (u jiżgura l-integrazzjoni tas-sessi). |
| **Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020**<br>L-Istituzzjonijiet jaqblu li jużaw l-ammont imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 kif ġej: EUR 2143 miljun għall-Impjiegi taż-Żgħażagħ, EUR 200 miljun għal Orizzont 2020, EUR 150 miljun għal Erasmus u EUR 50 miljun għal COSME. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni**<br>Fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu tas-17 ta' April 2013, il-Parlament Ewropew talab li jiġi stabbilit mudell għad-dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni li għandhom jinħargu mill-Istati Membri fil-livell politiku adatt. Il-Kummissjoni lesta teżamina din it-talba u lesta tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jipparteċipaw fi grupp ta' ħidma bil-għan li jagħtu rakkomandazzjonijiet sa tmiem din is-sena. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami/reviżjoni**<br>Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament QFP, filwaqt li jittieħed kont tar-riżultat tar-Rieżami, il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tippreżenta proposti leġislattivi għal reviżjoni tar-Regolament QFP. F'dan il-kuntest, ser tagħti attenzjoni partikolari għall-funzjonament tal-marġini globali għall-pagamenti sabiex tiżgura li l-limitu tal-pagamenti ġenerali jibqa' disponibbli matul il-perijodu. Hija ser teżamina wkoll l-evoluzzjoni tal-marġini globali għall-impenji. Il-Kummissjoni ser tieħu wkoll kont tar-rekwiżiti partikolari tal-Programm Orizzont 2020. Il-Kummissjoni ser teżamina wkoll l-allinjament tal-proposti tagħha għall-QFP li jmiss maċ-ċikli politiċi tal-Istituzzjonijiet. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 104-173 | PE-CONS 67/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astjenew: AT, MT |
| Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f' "Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 81-103 | PE-CONS 66/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astjeniet: MT |

| Id-dikjarazzjnijiet li ġejjin jirrelataw maż-żewġ Regolamenti: |
| --- |
| **Dikjarazzjoni minn Malta**<br>Malta tilqa' l-Programm Qafas Orizzont 2020 bħala għodda ewlenija fit-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-inizjattiva ewlenija tal-Istrateġija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni u fit-twettiq tal-impenji li saru fiha. F'dan il-kuntest, Malta kienet impenjata u involuta bis-sħiħ fin-negozjati bil-għan li jitfassal Programm Orizzont 2020 inklużiv li jippremja l-eċċellenza u jappoġġa l-eċċellenza potenzjali.<br>Minkejja dan, Malta ma tistax taqbel mal-eliġibbiltà għall-finanzjament taħt il-Programm Qafas Orizzont 2020 ta' attivitajiet li jinvolvu l-qirda ta' embrijuni umani.<br>Hija wkoll tal-fehma li l-approċċ previst mill-Programm Qafas Orizzont 2020 ma jqisx biżżejjed il-potenzjal terapewtiku taċ-ċelloli staminali ta' bniedem adult.<br>Barra minn hekk, Malta temmen li għandu jiġi osservat bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi ma jingħatax finanzjament fil-livell tal-UE għal attivitajiet ta' riċerka li jinvolvu kwistjonijiet ta' prinċipji etiċi fundamentali, li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija dwar Riċerka rigward Ċelloli Staminali tal-Embrijoni Umani**<br>Fir-rigward tal-finanzjament tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijoni umani mill-fondi pubbliċi, l-Awstrija għandha pożizzjoni ċara, konsistenti mal-pożizzjoni tal-Awstrija li kellha fis-Sitt u s-Seba' Programmi Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka.<br>Il-finanzjament tar-riċerka mill-fondi pubbliċi jeħtieġ konformità ma' standards etiċi għolja. L-Awstrija hija tal-fehma li ċ-ċelloli staminali ta' bniedem adult għandhom jingħataw prijorità assoluta fuq il-finanzjament tar-riċerka li tinvolvi ċ-ċelloli staminali tal-embrijoni. Barra minn hekk, bil-ħsieb tad-deċiżjonijiet li saru mill-ECJ sadanittant dwar il-kwistjoni tad-dritt għal privattiva tal-proċeduri taċ-ċelloli staminali tal-embrijoni, ser ikollu jiġi ċċarat jekk fil-prinċipju jitneħħiex il-finanzjament ta' tali proċeduri. |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija rigward ir-Riċerka dwar l-Enerġija**<br>L-Awstrija pproponiet b'mod ripetut li jiġi previst it-tiswir tar-riċerka dwar l-evalwazzjoni tal-potenzjal ta' ekonomija tal-enerġija nukleari ħielsa mill-fissjoni f'dan ir-Regolament. Din il-proposta Awstrijaka ma ġietx segwita. |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Għall-Programm Qafas Orizzont 2020, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tissokta bl-istess qafas etiku tas-Seba' Programm Qafas biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-UE għar-riċerka fuq ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem.

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi l-issoktar ta' dan il-qafas etiku minħabba li dan żviluppa, abbażi tal-esperjenza, approċċ responsabbli għal qasam promettenti ħafna tax-xjenza u wera li jaħdem b'mod sodisfaċenti fil-kuntest ta' programm tar-riċerka li fih riċerkaturi jipparteċipaw minn bosta pajjiżi b'sitwazzjonijiet regolatorji differenti ħafna.

(1) Id-deċiżjoni dwar il-Programm Qafas Orizzont 2020 espliċitament teskludi tliet oqsma tar-riċerka mill-finanzjament Komunitarju:

– attivitajiet ta' riċerka li jimmiraw għall-klonazzjoni tal-bniedem għal finijiet ta' riproduzzjoni;

– attivitajiet ta' riċerka maħsuba biex jimmodifikaw il-wirt ġenetiku tal-bnedmin, li jistgħu jwasslu biex tibdiliet bħal dawn isiru ereditarji;

– attivitajiet tar-riċerka intenzjonati li joħolqu embrijoni umani għall-iskop ta’ riċerka jew għall-iskop ta’ akkwist taċ-ċelloli staminali biss, inkluż b’mezzi ta’ trasferiment tan-nuklei taċ-ċelloli somatiċi.

(2) L-ebda attività pprojbita fl-Istati Membri kollha m'hi ser tiġi ffinanzjata. Fejn attività tkun ipprojbita fi Stat Membru, din mhix ser tiġi ffinanzjata f'dak l-Istat Membru.

(3) Id-deċiżjoni dwar Orizzont 2020 u d-dispożizzjonijiet għall-qafas etiku li jirregola l-finanzjament Komunitarju tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem bl-ebda mod ma tinvolvi ġudizzju ta' valur dwar il-qafas regolatorju jew etiku li jirregola din ir-riċerka fl-Istati Membri.

(4) Meta l-Kummissjoni Ewropea tagħmel sejħa għal proposti, hija ma tissolleċitax b'mod espliċitu l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem. L-użu possibbli ta' ċelloli staminali tal-bniedem, sew jekk ikunu dderivati minn adulti jew minn embrijoni, jiddependi mill-ġudizzju tax-xjenzati, fid-dawl tal-objettivi li jkunu jridu jilħqu. Fil-prattika, il-parti l-kbira nett tal-fondi Komunitarji għar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tmur għall-użu ta' ċelloli staminali adulti. Ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan għandu jinbidel sostanzjalment f'Orizzont 2020.

(5) Kull proġett li jipproponi li juża ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem għandu jgħaddi b'suċċess minn evalwazzjoni xjentifika li matulha esperti xjentifiċi indipendenti jivvalutaw il-ħtieġa li jintużaw tali ċelloli staminali biex jintlaħqu l-objettivi xjentifiċi.

(6) Il-proposti li jgħaddu b'suċċess mill-evalwazzjoni xjentifika mbagħad ikunu soġġetti għal reviżjoni etika stretta organizzata mill-Kummissjoni Ewropea. F'din ir-reviżjoni etika, jitqiesu l-prinċipji riflessi fil-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, iffirmata f'Oviedo fl-4 ta' April 1997, u l-protokolli addizzjonali tagħha, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Universali dwar il-Ġenoma tal-Bniedem u d-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-UNESCO. Ir-reviżjoni etika sservi wkoll biex tikkontrolla li l-proposti jirrispettaw ir-regoli tal-pajjiżi fejn tkun ser titwettaq ir-riċerka.

(7) F'każijiet partikolari, reviżjoni etika tista' titwettaq matul il-perijodu tal-proġett.

(8) Qabel ma jibda, kull proġett li jipproponi l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem għandu jikseb l-approvazzjoni tal-kumitat tal-etika nazzjonali jew lokali rilevanti. Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali kollha għandhom jiġu osservati, inkluż f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet bħall-kunsens tal-ġenituri, in-nuqqas ta' tħajjir finanzjarju, eċċ. Ser isiru kontrolli dwar jekk il-proġett jinkludix referenzi għal miżuri ta' liċenzjar u kontroll li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ser titwettaq ir-riċerka. (9) Proposta li tgħaddi b'suċċess mill-evalwazzjoni xjentifika, ir-reviżjonijiet etiċi nazzjonali jew lokali u r-reviżjoni etika Ewropea ser tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni, każ b'każ, lill-Istat Membri, imlaqqgħin bħala kumitat li jaġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami. L-ebda proġett li jinvolvi l-użu ta' ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem u li ma jiksibx l-approvazzjoni mill-Istati Membri m'hu ser jiġi ffinanzjat.

(10) Il-Kummissjoni Ewropea ser tkompli taħdem biex ir-riżultati tar-riċerka dwar ċelloli staminali, li tkun ġiet iffinanzjata mill-Komunità, ikunu ġeneralment aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha, għall-benefiċċju aħħari tal-pazjenti fil-pajjiżi kollha.

(11) Il-Kummissjoni Ewropea ser tappoġġa azzjonijiet u inizjattivi li jikkontribwixxu għal koordinazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni, f'approċċ etiku responsabbli, tar-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tkompli tappoġġa reġistru Ewropew ta' linji ta' ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem. Appoġġ għal tali reġistru ser jippermetti monitoraġġ taċ-ċelloli staminali eżistenti tal-embrijoni tal-bniedem fl-Ewropa, ser jikkontribwixxi għall-massimizzazzjoni tal-użu tagħhom mix-xjenzjati u jista' jgħin biex jiġu evitati derivazzjonijiet mhux meħtieġa ta' linji ġodda ta' ċelloli staminali.

(12) Il-Kummissjoni Ewropea ser tkompli bil-prattika attwali u mhijiex ser tippreżenta lill-kumitat, li jaġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami, proposti għal proġetti li jistgħu jinkludu attivitajiet ta' riċerka li jeqirdu l-embrijoni tal-bniedem, inkluż biex jinkisbu ċelloli staminali. L-esklużjoni tal-finanzjament ta' dan l-istadju tar-riċerka mhux ser jimpedixxi l-finanzjament Komunitarju ta' stadji sussegwenti li jinvolvu ċ-ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem.

| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 5(7) tal-Programm Speċifiku**<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha ferm li ddaħħal il-paragrafu 7 fl-Artikolu 5 li jintroduċi l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lil proġetti jew lil partijiet ta' proġetti magħżula wara kull sejħa għal proposti skont il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 5 tal-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020. Il-Kummissjoni tfakkar li hija ma pproponiet din il-proċedura fl-ebda att settorjali tal-QFP. Dan kien maħsub biex jiġu ssimplifikati l-programmi tal-QFP għall-benefiċċju ta' min jirċievi finanzjament tal-UE. L-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet mingħajr skrutinju ta' kumitati tħaffef il-proċedura u b'hekk jonqos iż-żmien sakemm issir l-għotja u b'hekk jingħata vantaġġ lill-benefiċjarji u jiġu evitati burokrazija u spejjeż żejda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet hu parti mill-prerogattiva istituzzjonali tagħha li għandha x'taqsam mal-eżekuzzjoni tal-baġit u għalhekk ma għandux jiġi adottat bil-komitoloġija.<br>Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li din l-inklużjoni ma tistax isservi ta' preċedent għal strumenti ta' finanzjament oħrajn. |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Proċedura rapida lejn l-Innovazzjoni**<br>Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tipprovdi viżibbiltà xierqa lill-PRI fost il-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' aktar sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' komunikazzjoni qabel ma titnieda s-sejħa pilota fl-2015.<br>Il-Kummissjoni ma għandhiex l-intenzjoni li tillimita t-tul ta' żmien ta' azzjonijiet PRI ex ante. Fatturi bħas-sensittività għaż-żmien u s-sitwazzjoni kompetittiva internazzjonali għandhom jitqiesu biżżejjed meta jkun qed jiġi evalwat l-'impatt' ta' proposta, sabiex ikun jista' jkun hemm flessibbiltà skont l-ispeċifiċitajiet varji fl-oqsma differenti tar-riċerka applikata.<br>Minbarra l-analiżi fil-fond imwettqa fi ħdan l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020, il-PRI pilota ser ikun soġġett għal monitoraġġ kontinwu tal-aspetti prattiċi kollha b'rabta mas-sottomissjoni, l-evalwazzjoni, l-għażla u l-baġitjar ta' proposti taħt is-sejħa PRI, li jibdew mill-ewwel data ta' skadenza fl-2015.<br>Sabiex il-proġett pilota jkun effettiv u biex jiġi żgurat li tkun tista' titwettaq valutazzjoni xierqa, dan jista' jirrikjedi li jiġu appoġġati sa mitt proġett. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Enerġija (Programm Qafas)**<br>Il-Kummissjoni tagħraf ir-rwol essenzjali fil-ġejjieni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-istadju tal-użu finali u tal-enerġija rinnovabbli, u l-ħtieġa ta' miżuri għall-adozzjoni mis-suq, sabiex tinbena l-kapaċità, titjieb il-governanza u jingħelbu l-ostakoli tas-suq sabiex ikunu jistgħu jintużaw soluzzjonijiet tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-enerġija li tiġġedded.<br>Il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tiżgura li tal-inqas 85 % tal-baġit għall-isfida enerġetika ta' Orizzont 2020 jintefaq fl-oqsma tal-fjuwils mhux fossili, u li minnhom tal-anqas 15 % tal-baġit globali għall-isfida enerġetika jintefaq għal attivitajiet ta' adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji eżistenti tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-Programm Enerġija Intelliġenti Ewropa III. Dan il-programm ser jiġi implimentat permezz ta’ struttura ddedikata ta’ ġestjoni u ser jinkludi wkoll appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija sostenibbli, il-bini tal-kapaċità u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-investiment, hekk kif sar sal-lum.<br>Il-parti li jifdal se tiġi ddedikata għal teknoloġiji bbażati fuq il-fossili u għal għażliet tal-iżvilupp, li huma meqjusin essenzjali għall-ilħuq tal-viżjoni 2050 u għall-appoġġ tat-trasformazzjoni f'sistema ta' enerġija sostenibbli.<br>Il-progress lejn dawn il-miri ser ikun immonitorjat u l-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 6.5 (Programm Qafas)**<br>Mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali tal-Unjoni, hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fil-kuntest tad-djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew tippreżenta rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tat-tqassim tal-baġit stabbilit fl-Anness II ta’ Orizzont 2020 skont il-prijoritajiet u l-għanijiet speċifiċi f’dawn il-prijoritajiet, inkluż kwalunkwe applikazzjoni tal-Artikolu 6(5). |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 12 (Programm Qafas)**<br>Fuq talba, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew il-programmi ta’ ħidma adottati. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Siġill ta' Eċċellenza (Programm Qafas)**<br>L-intervent fil-livell tal-Unjoni jippermetti kompetizzjoni madwar l-UE sabiex jintgħażlu l-aħjar proposti, biex b’hekk jogħlew il-livelli ta’ eċċellenza u tiġi pprovduta viżibbiltà għar-riċerka u l-innovazzjoni ewlenija.<br>Il-Kummissjoni tqis li l-proposti kkunsidrati pożittivi, kemm dawk tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie, l-azzjonijiet għall-ħolqien ta' timijiet, l-istrument tal-SMEs tat-tieni fażi jew il-proposti ta' proġetti ta' kollaborazzjoni li ma setgħux jiġu ffinanzjati għal raġunijiet baġitarji, xorta waħda ssodisfaw il-kriterju ta' eċċellenza ta' Orizzont 2020.<br>Hekk kif il-parteċipanti jiġu approvati, din l-informazzjoni tista' tinqasam mal-awtoritajiet responsabbli.<br>Għaldaqstant, il-Kummissjoni tilqa' kull inizjattiva biex dawn il-proġetti jiġu ffinanzjati permezz ta' sorsi nazzjonali, reġjonali jew privati.  F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni għandha wkoll rwol ewlieni permezz tal-bini tal-kapaċità. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Tixrid tal-eċċellenza u tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni (Programm Qafas)**<br>Il-Kummissjoni hija impenjata li tistabbilixxi u timplimenta l-miżuri biex tnaqqas id-distakk tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa taħt l-intestatura ġdida ‘It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni’. Il-livell ta' finanzjament previst għal dawn il-miżuri mhuwiex ser ikun anqas mill-ammont li ntefaq fis-Seba' Programm Qafas għall-azzjonijiet li jindirizzaw it-‘twessigħ tal-parteċipazzjoni’.<br>L-attivitajiet il-ġodda ta' COST meħuda fil-kuntest tat-‘twessigħ tal-parteċipazzjoni’ għandhom jiġu appoġġati mill-baġit allokat għat-‘Tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni’.  L-attivitajiet tal-COST li ma jaqgħux taħtu, u li għandhom ikunu tal-istess kobor f'termini ta' baġit, għandhom jiġu appoġġati mill-baġit allokat għal ‘6. L-Ewropa f'dinja li qed tinbidel - Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflessivi’.<br>Il-parti l-kbira tal-attivitajiet relatati mal-Faċilità ta' Sostenn għall-Politika u man-netwerks transnazzjonali tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom ikunu appoġġati wkoll mill-baġit allokat għal ‘6. L-Ewropa f'dinja li qed tinbidel - Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflessivi. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-linji gwida dwar il-kriterji biex jiġi implimentat il-"bonus" (Regoli għall-Parteċipazzjoni)**<br>Fir-rigward tar-remunerazzjoni addizzjonali, hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li, mingħajr dewmien, toħroġ linji gwida dwar il-kriterji għall-implimentazzjoni tagħha wara l-adozzjoni tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni u għat-Tixrid ta' Orizzont 2020. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 42 (Regoli għall-Parteċipazzjoni)**<br>Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi limiti ta' żmien fil-ftehim mudell dwar l-għotjiet fir-rigward tal-ħarsien tar-riżultati, filwaqt li jitqiesu l-limiti taż-żmien tal-FP7. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar dwar l-ikkostjar dirett għal infrastrutturi kbar ta' riċerka (Regoli għall-Parteċipazzjoni)**<br>Bi tweġiba għat-talbiet mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni hija impenjata li tiċċara l-kwistjoni tal-ikkostjar dirett ta' infrastrutturi kbar tar-riċerka skont kif deskritt f'din id-dikjarazzjoni.<br>Il-gwida dwar l-ikkostjar dirett għal infrastrutturi kbar tar-riċerka f'Orizzont 2020 ser tapplika għall-ikkostjar ta' infrastrutturi tar-riċerka kbar b'valur totali ta' mill-inqas EUR 20 miljun għal benefiċjarju partikolari, ikkalkulati bħala t-total tal-valuri tal-assi storiċi tal-infrastrutturi tar-riċerka individwali kif jidhru fl-aħħar Karta tal-Bilanċ magħluqa ta' dak il-benefiċjarju qabel id-data tal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja, jew kif determinat abbażi tal-ikkostjar tal-kiri u l-lokazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka.<br>Taħt dan il-livell minimu, il-gwida dwar l-ikkostjar dirett għall-infrastrutturi tar-riċerka kbar f'Orizzont 2020 mhux ser tapplika. Il-partiti tal-ikkostjar individwali jistgħu jiġu ddikjarati bħala ikkostjar dirett eliġibbli skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-ftehim tal-għotja.<br>B'mod ġenerali, ser ikun possibbli li wieħed jitlob bħala kkostjar dirett l-ikkostjar kollu li jissodisfa l-kriterji ġenerali ta' eliġibilità kif ukoll li hu direttament marbut mal-implimentazzjoni tal-azzjoni u għalhekk jista' jiġi attribwit direttament lilha.<br>Għal infrastruttura tar-riċerka kbira li tintuża għal proġett, dan ser ikun tipikament il-każ għall-ikkostjar kapitalizzat u għall-ikkostjar operattiv.<br>L-'ikkostjar kapitalizzat' ser ikun l-ikkostjar mġarrab biex titwaqqaf u/jew tiġġedded l-infrastruttura tar-riċerka kbira, kif ukoll xi kkostjar ta' tiswija u manutenzjoni speċifiċi tal-infrastruttura tar-riċerka kbira flimkien ma' partijiet minnha jew komponenti integrali essenzjali tagħha.<br>L-'ikkostjar operattiv' ser ikun l-ikkostjar li l-benefiċjarju jġarrab speċifikament biex tiġi operata l-infrastruttura tar-riċerka kbira.<br>Għall-kuntrarju, xi kkostjar jista' tipikament ma jiġix iddikjarat bħala kkostjar dirett, iżda jitqies rimborżat permezz tar-rata fissa għall-ikkostjar indirett, eż l-ikkostjar tal-kiri, lokazzjoni jew deprezzament tal-bini amministrattiv u l-kwartieri.<br>Fejn l-ikkostjar huwa kkawżat parzjalment biss mill-attivitajiet tal-proġett, tista' tiġi ddikjarata biss dik il-parti li titkejjel direttament mal-proġett. Għal dan il-għan, is-sistema ta' kejl tal-benefiċjarju għandha tipprovdi għal kwantifikazzjoni preċiża tal-valur reali attwali tal-kost tal-proġett (jiġifieri li turi l-konsum reali u/jew l-użu għall-proġett). Dan ser ikun il-każ, jekk il-kejl jinkiseb mill-fattura tal-fornitur. |

Il-kejl tan-nefqa huwa ġeneralment assoċjat mal-ħin użat għall-proġett, li għandu jikkorrispondi għas-sigħat / ġranet / xhur reali ta' użu tal-infrastruttura tar-riċerka għall-proġett. L-għadd totali ta' sigħat / jiem / xhur produttivi għandu jikkorrispondi għall-potenzjal sħiħ tal-użu (kapaċità sħiħa) tal-infrastruttura tar-riċerka. Il-kalkolu tal-kapaċità sħiħa ser jinkludi kull ħin li matulu l-infrastruttura tar-riċerka tkun tista' tintuża iżda fil-fatt ma tintużax. Madankollu, il-kalkolu tal-kapaċità sħiħa ser iqis kif xieraq ir-restrizzjonijiet reali bħall-ħinijiet tal-ftuħ tal-entità, u l-ħin tat-tiswija u l-manutenzjoni (inkluż l-ikkalibrar u l-ittestjar).
Jekk kost ikun jista' jitkejjel direttament fir-rigward tal-infrastruttura tar-riċerka iżda mhux direttament mal-proġett, minħabba restrizzjonijiet tekniċi, alternattiva aċċettabbli tkun il-kejl ta' dan l-ikkostjar permezz ta' unitajiet ta' użu attwali rilevanti għall-proġett, appoġġat minn speċifikazzjonijiet tekniċi eżatti u data attwali, u ddeterminat fuq il-bażi tas-sistema analitika tal-kontabbiltà tal-kosti tal-benefiċjarju.

| |
|---|
| L-ikkostjar u l-kejl dirett tiegħu mal-proġett iridu jiġu appoġġati minn dokumenti xierqa ta' appoġġ li jippermettu li jkun hemm proċess ta' awditu suffiċjenti.<br>Il-benefiċjarju jista' juri r-rabta diretta permezz ta' evidenza alternattiva konvinċenti.<br>Is-servizzi tal-Kummissjoni ser jirrakkomandaw l-aħjar prattiki għall-kejl dirett u d-dokumenti ta' appoġġ (eż.: għall-ikkostjar ikkapitalizzat: dikjarazzjonijiet tal-kontijiet flimkien ma' politika ta' deprezzament tal-benefiċjarju bħala parti mill-prinċipji normali tal-kontabilità tagħha, li turi kalkolu tal-użu potenzjali u tal-ħajja ekonomika tal-assi, u prova tal-użu attwali għall-proġett; għal spejjeż operattivi: fattura speċifika tikkettata espliċitament u relatata mal-infrastruttura tar-riċerka kbira, mal-kuntratt, maż-żmien kemm idum il-proġett, eċċ.). Fuq talba ta' benefiċjarju ta' infrastrutturi tar-riċerka kbar, u filwaqt li tqis ir-riżorsi disponibbli u l-prinċipju tal-kosteffettività, il-Kummissjoni hija lesta li twettaq valutazzjoni ex ante tal-metodoloġija tal-kost dirett tal-benefiċjarju b'mod sempliċi u trasparenti, sabiex tiżgura ċ-ċertezza legali. Dawn il-valutazzjonijiet ex ante ser jitqiesu bis-sħiħ matul l-awditi ex post.<br>Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi grupp li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati rilevanti, biex jivvaluta l-użu tal-gwida.<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li hi ser tadotta minnufih gwida dwar ikkostjar dirett għal infrastrutturi kbar tar-riċerka, ladarba r-regolamenti ta' Orizzont 2020 jiġu adottati. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istrument tal-SMEs**<br>L-appoġġ għall-SMEs f'Orizzont 2020 huwa ta' importanza kbira u jirrappreżenta parti prominenti biex jintlaħaq l-għan tal-Programm li jrawwem l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tiżgura li jkun hemm viżibilità kbira tal-appoġġ għall-SMEs f'Orizzont 2020, b'mod partikolari permezz tal-istrument tal-SMEs fil-programmi ta' ħidma, fil-linji gwida u fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni. Ser isiru l-isforzi kollha sabiex l-SMEs ikunu jistgħu, b'mod faċli u sempliċi, jidentifikaw u jużaw l-opportunitajiet ipprovduti lilhom fil-prijoritajiet ‘Sfidi tas-Soċjetà’ u ‘LEITs’.<br>L-istrument tal-SMEs se jiġi implimentat permezz ta' struttura unika ta' tmexxija ċentralizzata responsabbli għall-evalwazzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti, inkluż l-użu ta' sistemi tal-IT u proċessi tan-negozju komuni.<br>L-istrument tal-SMEs għandu jattira l-proġetti ta' innovazzjoni l-aktar ambizzjużi tal-SMEs. Dan ser ikun implimentat primarjament b'approċċ minn isfel għal fuq permezz ta' sejħa permanent miftuħa u mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-SMEs, kif stabbilit fl-għan speċifiku "innovazzjoni fl-SMEs" filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet u l-għanijiet tal-LEITs u tal-isfidi tas-soċjetà u tingħata l-opportunità għal proposti trasversali bejn il-prijoritajiet ‘Sfidi’ u LEITs, li jenfasizzaw l-approċċ minn isfel għal fuq. Din is-sejħa tista' tiġi riveduta/mġedda kull sentejn sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-programmi strateġiċi biannwali. Meta jkun xieraq, flimkien mas-sejħa deskritta hawn fuq, jistgħu jiġu organizzati sejħiet għal suġġetti speċifiċi ta' interess strateġiku. Dawn is-sejħiet ser jużaw il-kunċetti u l-proċeduri tal-istrument tal-SMEs kif ukoll il-punt ta' dħul uniku għall-applikanti u s-servizzi ta' gwidar u ta' taħriġ. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-Artikoli 3 u 4 (Regoli għall-Parteċipazzjoni)**<br>Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi referenzi għal-liġi nazzjonali fil-ftehim dwar l-għotja rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-kunfidenzjalità, bil-ħsieb li jinsab bilanċ adatt bejn l-interessi differenti. | | | |
| **Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 28 (Regoli għall- Parteċipazzjoni) (alternattiva ta' rata ta' rimborż ta' 100 % għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' profitt għall-azzjonijiet ta' innovazzjoni):**<br>Il-Kummissjoni tinnota li anke l-entitajiet mingħajr skop ta' profitt jistgħu jwettqu attivitajiet ekonomiċi li huma qrib tas-suq u li jekk jingħataw sussidji jistgħu joħolqu tagħwiġ fis-suq intern. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tevalwa ex ante jekk l-attivitajiet eliġibbli humiex ta' natura ekonomika, jekk is-sussidji trasversali tal-attivitajiet ekonomiċi effettivament ma jitħallewx isiru, u jekk ir-rata ta' finanzjament għall-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għandhiex effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern li ma jkunux ibbilanċjati mill-effetti pożittivi tagħha. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 174-184 | PE-CONS 68/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa aktar innovattiva<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 892-923 | PE-CONS 69/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 50-73 | PE-CONS 63/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni konġunta minn Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja dwar il-faċilità ta' garanzija għas-self lill-istudenti**<br>Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja jilqgħu l-proposta ta' kompromess tal-Presidenza Irlandiża dwar il-Programm 2014-2020 tal-Unjoni ddedikat għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, li ser jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea u jsaħħaħ l-Ewropa tal-għarfien.<br>Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja jixtiequ jenfasizzaw li l-proposta ta' kompromess tiddefinixxi biċ-ċar li l-faċilità ta' garanzija għas-self lill-istudenti tal-Masters ser tkun ta' natura strettament sperimentali.<br>Madankollu, Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja jirriaffermaw li l-faċilità ta' garanzija għas-self lill-istudenti tal-Masters mhix tweġiba adatta għad-demokratizzazzjoni u l-iżvilupp tal-iskambji internazzjonali filwaqt li l-mobilità hija fil-qalba tal-proġett Erasmus, wieħed mill-aktar programmi emblematiċi Ewropej. | | | |

F'kuntest ta' dejn tal-istudenti dejjem jikber u qgħad kbir ħafna fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa, aħna ninsabu mħassbin ħafna bl-għażla li jitnaqqas de facto l-għadd ta' għotjiet ta' mobilità għall-istudenti (studji, apprendistati) miftuħa għall-kategoriji kollha ta' studenti, għall-benefiċċju tas-self lill-istudenti tal-Masters biss. Aktar 'il quddiem, aħna nistennew li l-Faċilità ta' Garanzija għas-Self lill-Istudenti ma twassalx għal żbilanċi fil-mobilità u "eżodu ta' mħuħ".

Minħabba n-nuqqas ta' studju tal-impatt aġġornat - b'mod partikolari soċjali - Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja minn dejjem xtaqu l-implimentazzjoni ta' din il-faċilità ta' garanzija għas-self lill-istudenti tibqa' f'livell sperimentali, u, f'konformità mal-prinċipju ta' ekwità, li jiġu inklużi kundizzjonijiet tas-self li jkunu aktar favorevoli minn dawk tas-suq u li ma jwasslux għal dejn eċċessiv tal-istudenti u ma jiħdux post l-għotjiet li għandhom jibqgħu il-mezz ideali għall-mobilità tat-taħriġ.

Għaldaqstant, kien ikun rakkomandabbli li s-sehem tal-baġit allokat għal dan l-istrument ġdid propost mill-Kummissjoni jkun limitat għal 2%, kif xtaqu Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja.

Franza, l-Isvezja, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Polonja u s-Slovenja jħeġġu lill-Kummissjoni tiżgura li l-istudenti jkunu protetti mill-effetti negattivi potenzjali ta' dan l-istrument. Dawn jaffermaw ukoll l-impenn tagħhom li jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jirrevedu u janalizzaw l-impatti tal-implimentazzjoni tal-Faċilità, b'mod partikolari bil-ħsieb tan-natura sperimentali tagħha li hija parti minn dan il-ftehim.

<table>
<tr><td colspan="2">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1360/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2001/2002, 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006, il-koeffiċjent meħtieġ għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali għas-snin tas-suq 2001/2002 u 2004/2005 u l-ammont li għandu jitħallas mill-manifatturi taz-zokkor lill-bejjiegħa tal-pitravi fir-rigward tad-differenza bejn l-imposta massima u l-imposta li għandha titħallas għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004 u 2005/2006<br>ĠU L 343, 19/12/2013, p. 2-6</td><td>16233/13<br><br>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li l-mistoqsija dwar jekk, f'każ partikolari, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-ġbir tal-imposta fuq iz-zokkor saritx definittiva jew teħtieġx li tiġi eżaminata abbażi tal-ammonti riveduti ta' imposti inklużi fir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill, u taħt liema kondizzjonijiet, għandha titwieġeb skont il-liġi nazzjonali applikabbli.</td></tr>
<tr><td>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1261/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)<br>ĠU L 326, 06/12/2013, p. 1-2</td><td>15660/13</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 2013/787/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni baġitarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/011 DK/Vestas mid-Danimarka)<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 95-95 | 15091/13 |
| 2013/788/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2013/001 FI/Nokia mill-Finlandja)<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 96-96 | 15096/13 |
| 2013/789/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Diċembru 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/003 DE/First Solar mill-Ġermanja)<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 97-97 | 15093/13 |

| | |
|---|---|
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 325, 05/12/2013, p. 1-65 | 15702/13 |
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 325, 05/12/2013, p. 66-213 | 15706/13 |
| 2014/115/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern<br>ĠU L 68, 07/03/2014, p. 1-1 | 16310/13 |
| 2013/756/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern<br>ĠU L 335, 14/12/2013, p. 32-34 | 7997/13 |

| | |
|---|---|
| 2013/728/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-estensjoni tal-moratorju fuq dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-moratorju fuq ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet<br>ĠU L 332, 11/12/2013, p. 17-17 | 15633/13 |
| 2013/715/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Jemen mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ<br>ĠU L 326, 06/12/2013, p. 44-44 | 15307/13 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE favur l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Jemen.

Il-Kummissjoni tinnota li huwa propost li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tiġi adottata dwar din l-adeżjoni permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tinnota li kien ikun possibbli li tiġi adottata deċiżjoni tal-UE li kienet tirrendi deċiżjoni separata bħal din mhux meħtieġa.

<table>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Irlanda<br>Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lill-Irlanda bħala parti mill-Unjoni fejn hija nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda u r-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. L-Irlanda ser tiżgura li l-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju tkun permessa f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lir-Renju Unit bħala parti mill-Unjoni fejn huwa nnotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Industrijali Ewropea</td><td>17202/13</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tas-Suq Uniku</td><td>16443/13</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Regolamentazzjoni Intelliġenti</td><td>17227/1/13</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="4">It-3277 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret f'Nusa Dua (Bali), l-Indoneżja, fit-3 u s-6 ta' Diċembru 2013</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom<br>ĠU L 13, 17/01/2014, p. 1-73</td><td colspan="2">13675/13</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3278 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fi Brussell fil-5 ta' Diċembru 2013</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistema ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 25-32</td><td>PE-CONS 33/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Istati Membri**<br>Meta titqies l-importanza tal-parteċipazzjoni sħiħa tal-pajjiżi parteċipanti kollha f'azzjonijiet konġunti u sabiex jintlaħqu b'mod sħiħ l-objettivi tal-programm, l-Istati Membri jiddikjaraw ir-rieda tagħhom, meta jieħdu pożizzjonijiet fil-kumitat, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, li jfittxu l-kontinwazzjoni tal-prattika attwali tal-finanzjament ta' għotjiet ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli fejn dawn ikunu spejjeż għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' avvenimenti u sussidji ta' kuljum. |
| **Dikjarazzjoni mill-Greċja u Ċipru**<br>Il-Greċja u Ċipru jenfasizzaw l-impenn tagħhom għall-objettivi tal-programm Fiscalis.<br>F'dan il-kuntest, il-Greċja u Ċipru jtennu t-tħassib tagħhom li l-kofinanzjament possibbli tal-għotjiet mill-baġits nazzjonali jista' jeskludi Stati Membri taħt limitazzjonijiet baġitarji milli jipparteċipaw fl-azzjonijiet eliġibbli tal-programm. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Rigward il-limitu massimu baġitarju ta’ 5 % għan-nefqa amministrattiva introdott fil-programm FISCALIS, il-Kummissjoni tqis li dan mhux f’konformità mal-approċċ orizzontali li għandu l-għan li jissimplifika u jirrazzjonalizza l-atti bażiċi tal-programmi settorjali tal-QFP. Il-Kummissjoni, madankollu, tinnota li dan il-limitu massimu baġitarju ta' 5% diġà huwa applikat fil-qafas attwali tal-Programm FISCALIS (Art. 14(2)), li għalhekk jikkorrispondi ma' speċifiċità ta' dan il-programm u ma jistax jitqies bħala preċedent għal programmi oħra tal-QFP. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni minn Spanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Italja<br>Fir-rigward tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-programm Fiscalis 2020, Spanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Italja nnotaw in-notifika formali ta' parteċipazzjoni kkomunikata mir-Renju Unit f'konformità, fl-opinjoni tiegħu, mal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll 21 tat-Trattat ta' Lisbona. Joħroġ ċar mill-każistika reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-Protokoll 21 mhux applikabbli jekk l-att ma jkollux bażi legali li taqa' taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE (ara s-Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, fil-kawża C-137/12, paragrafi 73 sa 75). Spanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Italja għalhekk iqisu li n-notifika tar-Renju Unit hija bla bażi u għaldaqstant ma torbothomx. Huma jieħdu wkoll din il-pożizzjoni għal kwalunkwe miżura oħra li ma taqax taħt it-Tielet Parti, Titolu V, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iżda li għaliha r-Renju Unit jinnotifika li ser jieħu parti jew jikkunsidra li jkun f'pożizzjoni li ma jiħux parti.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 74-80</td><td>PE-CONS 65/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astjeniet: DE<br>Mhux jipparteċipaw: IE, UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-proposta tagħha li temenda r-Regolament Nru 539/2001 bil-għan li tittejjeb il-kredibbiltà tal-politika komuni dwar il-viżi u tiġi żgurata aktar solidarjetà fost l-Istati Membri. Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità rivedut, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, mhumiex f'konformità mal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tuża r-rimedji disponibbli taħt it-Trattat bil-ħsieb li dan il-punt jiġi ċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Bejġju, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja rigward il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 1<br>L-emenda tar-Regolament 539/2001 speċjalment fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' reċiproċità (Artikolu 1(1)) kif ukoll il-klawżola ta' sospensjoni (Artikolu 1(2)) jista' jkollha implikazzjonijiet profondi għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.<br>Għaldaqstant nenfasizzaw li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti, l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni huma obbligati li, qabel kwalunkwe proposta jew deċiżjoni, iqisu l-konsegwenzi politiċi negattivi potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn tali proposti jew deċiżjonijiet għar-relazzjonijiet esterni, kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri. Dan japplika b'mod partikolari għar-relazzjonijiet esterni mas-sħab strateġiċi. Fil-fehma tagħna, il-Kunsill għandu jiżgura li, min-naħa tiegħu, dawn l-obbligi jitwettqu b'mod sħiħ.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1297/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja, għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew li huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom u r-regoli tad-diżimpenn għal ċerti Stati Membri, u mar-regoli dwar il-pagamenti tal-bilanċ finali<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 253-255</td><td>PE-CONS 101/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: HU</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1298/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 fir-rigward tal-allokazzjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri mill-Fond Soċjali Ewropew<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 256-258</td><td>PE-CONS 102/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2013/58/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II) rigward id-data tat-traspożizzjoni tagħha u d-data tal-applikazzjoni tagħha, u d-data tat-tħassir ta' ċerti Direttivi (Solvenza I)<br>ĠU L 341, 18/12/2013, p. 1-3 | PE-CONS 98/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni Nru 1351/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li tipprovdi assìtenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan<br>ĠU L 341, 18/12/2013, p. 4-9 | PE-CONS 109/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Dwana 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE | PE-CONS 72/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Approċċi effettivi, effiċjenti, moderni u armonizzati fir-rigward tal-kontrolli doganali fuq il-fruntiera esterna tal-UE huma essenzjali:

– biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;
– għall-ġlieda kontra l-kummerċ illegali filwaqt li jingħata lok għall-iffaċilitar ta' attività leġittima tan-negozju;
– biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u l-abitanti tagħha, u l-protezzjoni tal-ambjent;
– biex jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u
– biex tiġi żgurata l-konformità mal-politika kummerċjali komuni.

Sabiex jitwettqu kontrolli bħal dawn, huwa kruċjali li d-dwana jkollha aċċess għall-għodod adegwati, bħal tagħmir u teknoloġija ta' rilevament. Il-ħtieġa ta' dawn l-għodod tidher, fost l-oħrajn, fir-Rapport dwar it-Theddid mill-Kriminalità Organizzata tal-2011 tal-Europol, li jiddikjara li l-impatt ekonomiku tal-kuntrabandu tas-sigaretti jirrappreżenta telf fil-baġits tal-Istati Membri u tal-Unjoni li huwa stmat għal madwar EUR 10 biljun kull sena.

Bħalissa, id-diversi strumenti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) disponibbli biex jikkofinanzjaw il-kisba ta' għodod bħal dawn mhumiex sfruttati kemm jista' jkun. Biex tinkiseb allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi ta' finanzjament, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport, mhux aktar tard minn nofs l-2018, dwar l-għoti tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jinxtraw l-għodod adatti għall-kontrolli doganali fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 3(a) TFUE, inkluż il-possibbiltà li dawn ir-riżorsi jiġu allokati permezz ta' fond uniku.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**<br>Dan ir-Regolament ma jistax jiġi interpretat bħala li jinkludi jew li jikkonferixxi kwalunkwe setgħa jew obbligu li jaqa' taħt it-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. |
| **Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi u d-Danimarka rigward l-Artikolu 14**<br>Il-Programm Dwana 2020 jistabbilixxi r-regoli għall-attivitajiet ta' finanzjament fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali fl-UE. L-attivitajiet kollha taħt dan il-programm, inkluż il-ħolqien ta' timijiet ta' esperti, huma ddeterminati fi pjani ta' ħidma annwali abbażi tal-Artikolu 14.<br>It-timijiet ta' esperti huma strument ġdid, li potenzjalment jittratta l-bilanċ tas-setgħat bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif previst fit-trattati. Fid-dawl tal-implikazzjonijiet kbar possibbli tat-timijiet ta' esperti għall-attivitajiet operazzjonali u l-kompetenzi tal-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri, il-Pajjiżi l-Baxxi u d-Danimarka jippreferu att ta' implimentazzjoni separat għall-ħolqien u għar-regoli dwar il-funzjonament ta' kull tim ta' esperti, li jippermetti proċess aktar trasparenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell adatt.<br>B'kont meħud ta' dan,<br>Kull meta l-ħolqien ta' tim ta' esperti jiġi propost fil-pjan ta' ħidma, il-Pajjiżi l-Baxxi u d-Danimarka ser jinsistu fuq evalwazzjoni bir-reqqa tal-ambitu propost tat-tim, regoli ċari dwar il-funzjonament tat-tim, każ ta' negozju dettaljat u analiżi legali approfondita abbażi tat-Trattati tal-UE, b'mod partikolari rigward il-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 238-252 | PE-CONS 80/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 33-49 | PE-CONS 58/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 185-208 | PE-CONS 70/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar Ammont massimu li jista' jirċievi proġett integrat wieħed**<br>Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-fatt li tiżgura distribuzzjoni proporzjonata tal-fondi fost il-proġetti integrati sabiex jiġu ffinanzjati kemm jista' jkun proġetti integrati u tiġi garantita distribuzzjoni bilanċjata ta' proġetti integrati fost l-Istati Membri kollha. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tipproponi, meta jiġi diskuss l-abbozz tal-programm ta' ħidma mal-membri tal-kumitat LIFE, l-ammont massimu li proġett integrat wieħed ikun jista' jirċievi. Din il-proposta ser tkun ippreżentata bħala parti mill-metodoloġija għall-għażla tal-proġetti li għandha tiġi adottata bħala parti mill-programm ta' ħidma multiannwali. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Istatus tal-finanzjament tal-Bijodiversità fil-pajjiżi u territorji extra-Ewropej**<br>Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej, kif jidher mill-proposta għal Deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej li tinkludi dawn is-setturi fl-oqsma tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej u tispjega l-azzjonijiet differenti li jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward. L-azzjoni ta' tħejjija BEST kienet inizjattiva ta' suċċess li tħaddnet mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej u tat riżultati tanġibbli għall-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema. Billi l-BEST qed tasal fi tmiemha, il-Kummissjoni qed tikkunsidra b'mod favorevoli li tagħtiha segwitu skont wieħed mill-istrumenti l-ġodda, jiġifieri l-programm dwar il-Beni u l-Isfidi Pubbliċi Globali taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.<br>Din il-possibbiltà speċifika għall-finanzjament tal-bijodiversità fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej ser tkun ikkomplementata mill-opportunitajiet offruti taħt l-Artikolu 6 tal-Programm LIFE għall-perjodu 2014-2020. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 221-237 | PE-CONS 77/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: AT |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-logos**<br>Il-Kummissjoni għandha identità viżiva waħda, li hija essenzjalment il-bandiera Ewropea. Din il-politika tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-attivitajiet tal-Kummissjoni min-naħa taċ-ċittadini Ewropej mal-Ewropa kollha, filwaqt li l-eżistenza ta' diversi logos iċċajpar din il-viżibbiltà. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li, fil-programm "Ewropa Kreattiva", il-koleġislaturi imponewlha l-użu ta' logos għaż-żewġ subprogrammi. Il-Kummissjoni tqis li din id-deċiżjoni tirrappreżenta każ iżolat li mhux ser jikkostitwixxi preċedent għal programmi oħra. | | | |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' kumitat**<br>Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-adozzjoni tagħha ta' linji gwida mhux vinkolanti ma għandhiex tkun soġġetta għall-komitoloġija, billi l-Kummissjoni għandha d-dritt awtonomu tagħha, skont it-Trattat, li twettaq it-tali adozzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjoni mogħtija fl-Artikolu 17(3) biex il-linji gwida jiġu adottati bi proċedura ta' konsultazzjoni, ma tistax taffettwa dan id-dritt. | | | |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-baġit**<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li, fil-programm "Ewropa Kreattiva", il-koleġislaturi imponewlha tqassim tal-baġit allokat għall-programm mingħajr marġnijiet ta' flessibbiltà. Hija tisħaq li allokazzjoni stretta tal-baġit, speċjalment għal programmi b'pakkett finanzjarju limitat, ma tikkorrispondix għall-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u ta' ottimizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi tul perjodu ta' programmar ta' seba' snin. Hemm bżonn ta' ċertu marġni ta' flessibbiltà sabiex iwieġeb għall-bżonnijiet operattivi li jkun hemm matul l-implimentazzjoni tal-programm f'każ li jinqalgħu bidliet imprevisti fl-ambjent soċjali u ekonomiku. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li din id-deċiżjoni tirrappreżenta każ iżolat, li mhux ser joħloq preċedent għal programmi oħra. |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>Fl-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-UE timpenja ruħha li ssaħħaħ it-tagħrif u t-tixrid tal-kultura u tal-istorja fl-Ewropa, li tippreserva l-wirt kulturali u li tappoġġa l-iskambji kulturali li mhumiex ta' natura kummerċjali kif ukoll il-kreazzjoni artistika, inkluż fil-qasam awdjoviżiv. Barra minn hekk l-UE timpenja ruħha li tipproteġi u tippromwovi d-diversi forom ta' espressjoni kulturali u fl-2006 aderixxiet għall-Konvenzjoni rispettiva tal-UNESCO.<br>L-Awstrija tqis li t-tisħiħ ta' xogħlijiet kulturali ta' natura mhux kummerċjali huwa partikolarment importanti. Għall-kuntrarju tal-Programm "Kultura" tal-UE 2007-2013, is-Subprogramm "Kultura" tal-Programm il-ġdid tal-UE "Ewropa Kreattiva" 2014-2020 hemm il-possibbiltà li mill-fondi tal-UE jiġu ffinanzjati xogħlijiet kulturali kummerċjali.<br>L-Awstrija ma taqbilx ma' dan l-approċċ ġdid fis-subprogramm "Kultura", minħabba li x-xogħlijiet kulturali li ma għandhomx skop ta' profitt u dawk li huma orjentati għal profitt isegwu parametri differenti u għalhekk jeħtieġu miżuri speċifiċi separati sabiex jinkiseb l-aħjar effett ta' lieva u ta' inċentiv.<br>Hemm riskju li t-twessigħ tal-opportunitajiet ta' finanzjament għal attivitajiet kulturali li għandhom skop ta' profitt iwassal għad-dgħajfien tas-settur kulturali fl-Ewropa li ma għandux skop ta' profitt. Għal din ir-raġuni l-Awstrija ma tistax taqbel mat-test dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 13 tar-Regolament. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja<br>Fil-prinċipju, il-Ġermanja tappoġġa l-"Ewropa Kreattiva" bħala programm Ewropew għall-promozzjoni tal-kultura u l-media. Minkejja dan, aħna jkollna tħassib serju li naqblu mat-test fil-forma preżenti tiegħu.<br>It-tħassib tagħna huwa relatat ma' aspetti u kwistjonijiet sostantivi marbutin mal-kompetenza għall-politika kulturali, li l-Artikolu 167(5) TFUE jidentifika bħala waħda mill-bażijiet legali tal-programm: fil-fehma tal-Ġermanja, huma l-proġetti kulturali biss li mhumiex għall-profitt li għandhom ikunu intitolati għal appoġġ skont is-Subprogramm "Kultura". Il-Ġermanja tiċħad is-setgħat leġislattivi ddelegati previsti fl-Artikoli 20 u 21 u l-istrument legali magħżul - regolament - skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-projbizzjoni ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-kultura. Il-kriterji ta' evalwazzjoni kwalitattiva speċifiċi għandhom jiġu identifikati u stabbiliti mil-leġislatur Ewropew, (jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill) u mhux mill-Kummissjoni permezz ta' leġislazzjoni ddelegata.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1350/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda ċerti atti leġislattivi fil-qasam tal-istatistika agrikola u tas-sajd<br>ĠU L 351, 21/12/2013, p. 1-14</td><td>PE-CONS 86/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Jastjenu: AT, DE</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni tagħraf l-isforz biex jintlaħaq approċċ aktar differenzjat, iżda, b'kont meħud tal-klawżola tal-"Ebda opinjoni" fil-każ tad-Direttiva 96/16/KE dwar stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib, tfakkar li r-rikors għall-punt b) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) għandu jirrispondi għal ħtieġa speċifika li ma tiġix segwita r-regola ta' prinċipju li hija dik li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-Ebda opinjoni. B'kont meħud li din hija eċċezzjoni, ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonarja" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'manjiera restrittiva, u għalhekk għandu jiġi ġġustifikat fi premessa.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010<br>ĠU L 348, 20/12/2013, p. 129-171 | PE-CONS 76/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Jastjeni: UK |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**<br>1. Il-Kummissjoni tfakkar li d-deċiżjoni li jiġu ppreżentati proġetti għal finanzjament taħt is-CEF hija prerogattiva tal-Istati Membri. Din il-prerogattiva bl-ebda mod ma hija milquta mill-perċentwali indikattivi għall-għanijiet tat-trasport speċifiċi elenkati fil-Parti IV tal-Anness.<br>2. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha ħafna dwar l-inklużjoni tal-Artikolu 18 li jintroduċi l-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 għall-għoti tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-proġetti jew lill-partijiet ta' proġetti magħżula wara kull sejħa għal proposti skont il-programmi ta' ħidma pluriennali jew annwali msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-Kummissjoni tfakkar li hija ma pproponiet din il-proċedura fl-ebda att settorjali tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Dan kien maħsub biex jiġu ssimplifikati l-programmi tal-QFP għall-benefiċċju ta' min jirċievi finanzjament tal-UE. L-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet mingħajr skrutinju ta' kumitati tħaffef il-proċedura u allura jonqos iż-żmien biex il-promoturi tal-proġetti jingħataw l-għotjiet u jiġu evitati burokraziji u spejjeż żejda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li t-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet hu parti mill-prerogattiva istituzzjonali tagħha relatata mal-eżekuzzjoni tal-baġit u għalhekk ma għandux jiġi adottat bil-komitoloġija. Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li din l-inklużjoni ma tistax tkun ta' preċedent għal strumenti oħra ta' finanzjament, minħabba n-natura partikolari tal-proġetti ta' infrastruttura mil-lat ta' impatt fuq it-territorju tal-Istati Membri. | | | |

| |
|---|
| 3. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-inklużjoni fl-Artikolu 2(5) u l-Artikolu 5(2) ta' referenzi għall-ispejjeż tal-aġenzija eżekuttiva fdata mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' partijiet speċifiċi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' appoġġ għall-programm. Il-Kummissjoni tfakkar li hi l-prerogattiva tal-Kummissjoni nfisha li, wara analiżi minn qabel tal-ispejjeż u l-benefiċċji, tiddeċiedi li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva bil-għan li tiġi fdata b'ċerti kompiti relatati mal-ġestjoni ta' programm, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003. Il-proċess biex issir l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji bil-għan li aġenzija eżekuttiva tiġi fdata b'kompiti għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ma għandux jiġi ostakolat minn qabel bit-test tar-Regolament dwar is-CEF. Il-Kummissjoni tqis ukoll li dan il-limitu ma jistax ikun ta' preċedent għal strumenti oħra ta' finanzjament, minħabba n-natura partikolari tal-proġetti ta' infrastruttura li tmexxi l-Aġenzija. |
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**<br>L-armonizzazzjoni tal-kurituri tal-merkanzija saret element tan-negozjati fid-deliberazzjonijiet dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità "Nikkollegaw l-Ewropa".<br>Il-Ġermanja tixtieq tesprimi għal darba oħra li hija ġeneralment ma tiċħadx l-armonizzazzjoni tal-kurituri tal-merkanzija ma' strutturi ta' kurituri oħrajn.<br>F'dan il-kuntest, il-Ġermanja ġibdet l-attenzjoni b'mod espliċitu lejn il-fatt li l-kondizzjonijiet u r-regoli tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 li jirregolaw il-kurituri eżistenti għandhom japplikaw fil-każ ta' modifiki għall-kurituri tal-merkanzija jew tal-espansjoni tagħhom. Il-Ġermanja nnutat ukoll li huwa assolutament meħtieġ li jittieħed kont tal-esperjenza miksuba mill-kurituri eżistenti, li l-ewwel uħud minnhom ser jibdew jitħaddmu f'Novembru 2013.<br>B'din id-dikjarazzjoni, il-Ġermanja tixtieq tafferma l-pożizzjoni tagħha mill-ġdid. It-tħassib tagħna rigward l-aspetti formali tal-proċedura magħżula għadu ma ġiex eliminat. |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

B'mod ġenerali, ir-Renju Unit jappoġġa l-iżvilupp tal-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija meta dan isir f'konformità mal-mekkaniżmi diġà stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Kurituri Ferrovjarji tat-Trasport tal-Merkanzija (913/2010) fejn tintwera ġustifikazzjoni ċara tas-suq għal dan. F'konformità ma' dak ir-Regolament, aħna diġà qegħdin f'diskussjonijiet ma' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi estiż il-Kuritur 2 tul il-mina taħt il-Kanal Ingliż u sa Londra. Din id-deċiżjoni saret abbażi ta' analiżi fil-fond tal-benefiċċji għas-suq u dawk soċjoekonomiċi.

L-armonizzazzjoni tal-kurituri tal-merkanzija saret element tan-negozjati fid-deliberazzjonijiet dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Minkejja dan, aħna ma nemmnux li huwa sew li jintuża r-Regolament tas-CEF sabiex jiġu proposti bidliet fil-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija, jew sabiex jiġu stabbiliti skali ta' żmien għalihom. Dan l-approċċ jevita l-proċeduri ta' approvazzjoni garantiti minn leġislazzjoni diġà eżistenti, u la kien maqbul mal-Istati Membri rispettivi involuti, u lanqas ma huwa appoġġat minn analiżi tal-benefiċċji għas-suq u dawk soċjoekonomiċi.

| |
|---|
| Aħna nemmnu li l-estensjonijiet proposti tal-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija għandhom effett dirett fuq it-territorju ta' Stat Membru. Għalhekk, l-estensjoni proposta għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 tat-Trattat.<br>Għar-Renju Unit, dan ikun ifisser li l-inklużjoni ta' postijiet li jestendu lil hinn minn Londra f'Kuritur tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija teħtieġ il-qbil tagħna. Aħna ma nappoġġawx l-inklużjoni tagħhom u Londra għandha tibqa' bħala l-punt tat-tmiem tal-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija fir-Renju Unit.<br>B'mod aktar ġenerali, aħna nemmnu li l-intenzjoni hija li estensjonijiet għall-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija għandhom isiru biss jekk ikunu appoġġati minn analiżi pożittiva tal-benefiċċji soċjoekonomiċi.<br>Bħala riżultat, aħna ser nastjenu fir-rigward tar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. |
| **Dikjarazzjoni mil-Latvja**<br>Il-Latvja tappoġġa l-objettivi tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u tilqa' l-eżitu ġenerali tad-diskussjonijiet dwar din il-proposta.<br>Sadanittant, il-Latvja tibqa' mħassba rigward il-proposta li jiġi sostitwit l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (minn hawn 'il quddiem – Regolament dwar il-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija).<br>Il-proposta ta' kompromess finali dwar l-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija "Baħar tat-Tramuntana – Baltiku" fil-każ tal-Latvja għall-perijodu bejn mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2020 u l-finalizzazzjoni tal-linja Rail Baltica b'wisa' nominali bejn il-binarji ta' 1435 mm tkun tapplika għal linja ferrovjarja b'wisa' bejn il-binarji ta' 1520 mm. Il-Latvja tinnota li mingħajr ġustifikazzjoni bbażata fuq analiżi fil-fond tal-bilanċ bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji hija għandha dubji serji dwar l-interess possibbli tal-applikanti fir-rigward ta' din il-parti tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija "Baħar tat-Tramuntana – Baltiku". Għalhekk, il-Latvja ma tistenniex li jista' jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi.<br>Sakemm issir il-finalizzazzjoni u konsegwentement l-inklużjoni tal-linja Rail Baltica b'wisa' nominali bejn il-binarji ta' 1435 mm fil-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija "Baħar tat-Tramuntana – Baltiku", ma jkunx possibbli b'mod prattiku li jkun hemm traffiku ferrovjarju mhux interrott f'din l-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija minħabba d-differenzi fil-wisa' bejn il-binarji. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għalhekk l-allokazzjoni tal-mogħdijiet kif ukoll il-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet operazzjonali għal din il-parti tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija jkollha ssir separatament mill-parti b'wisa' nominali bejn il-binarji ta' 1435 mm tagħha.<br>Minbarra dan imsemmi hawn fuq il-Latvja tesprimi tħassib li l-approċċ użat - is-sostituzzjoni tal-Anness għar-Regolament dwar il-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija mingħajr ma jiġi rieżaminat ukoll it-test prinċipali ta' dan ir-Regolament – iqajjem tħassib li diversi dispożizzjonijiet, bħall-kriterji għad-definizzjoni ta' kurituri ulterjuri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija (l-Artikolu 4) kif ukoll id-dispożizzjonijiet għall-għażla ta' kurituri ulterjuri tat-trasport tal-merkanzija (l-Artikolu 5, speċjalment il-punti 3 u 4), ma ġewx irrispettati kif kien dovut.<br>Il-Latvja temmen bil-qawwa li l-linja l-aktar adatta għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija tal-"Baħar tat-Tramuntana – Baltiku" hija l-linja Rail Baltica b'wisa' nominali bejn il-binarji ta' 1435 mm, li wara l-kostruzzjoni tagħha għandha tiġi integrata bis-sħiħ fl-istrutturi u l-proċeduri kollha tal-kuritur tat-trasport tal-merkanzija "Baħar tat-Tramuntana – Baltiku" kif stabbilit mir-Regolament dwar il-Kurituri tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2013 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 1-24 | PE-CONS 26/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Panel Interistituzzjonali GALILEO (GIP)**

1. Fid-dawl tal-importanza, il-karatteristika unika u l-kumplessità tal-programmi tal-GNSS Ewropej, is-sjieda tal-Unjoni tas-sistemi li jirriżultaw mill-programmi, il-finanzjament sħiħ tal-baġit tal-Unjoni tal-programmi għall-perijodu 2014-2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib tat-tliet istituzzjonijiet.

1. Il-Panel Interistituzzjonali Galileo (GIP) ser jilħaq l-għan li jiffaċilita lil kull istituzzjoni fit-twettiq tar-responsabbiltà rispettiva tagħha. Għal dan il-għan, il-GIP ser jitwaqqaf sabiex isegwi mill-qrib:

a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-GNSS Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' akkwisti u ta' kuntratti, b'mod partikolari fir-rigward tal-Aġenzija Spazjali Ewropea;

b) il-Ftehimiet Internazzjonali ma' pajjiżi terzi mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

c) it-tħejjija tas-swieq tan-navigazzjoni bis-satellita;

d) l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza; u

e) ir-rieżami annwali tal-programm ta' ħidma.

2. F'konformità mar-regoli eżistenti, il-GIP ser jirrispetta l-ħtieġa ta' diskrezzjoni b'mod partikolari fid-dawl tan-natura kummerċjali kunfidenzjali u sensittiva ta' ċerta data.

3. Il-Kummissjoni ser tieħu kont tal-fehmiet espressi mill-GIP.

4. Il-GIP ser ikun magħmul minn seba' rappreżentanti, li minnhom:

– tlieta jkunu mill-Kunsill,
– tlieta mill-PE,
– wieħed mill-Kummissjoni,

u ser jiltaqa' fuq bażi regolari (fil-prinċipju erba' darbiet fis-sena).

5. Il-GIP ma jaffettwax ir-responsabbiltajiet jew ir-relazzjonijiet interistituzzjonali stabbiliti.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill rigward l-involviment tal-esperti tas-sigurtà tal-Istati Membri**

Waqt li jikkunsidra l-implikazzjonijiet għas-sigurtà fir-rigward tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom, il-Kunsill jenfasizza li huwa essenzjali li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-esperti rilevanti tas-sigurtà tal-Istati Membri u li tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tagħhom, meta tistabbilixxi l-objettivi ta' livell għoli li huma meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tal-programmi.

Il-Kunsill jenfasizza l-intenzjoni tal-Istati Membri li f'dan il-proċess huma jaħtru bħala esperti lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom fil-Bord tas-Sigurtà għas-Sistemi tal-GNSS Ewropej, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE. Huwa jenfasizza wkoll il-pożizzjoni tal-Istati Membri li, kemm jista' jkun, dawn l-esperti għandhom jagħtu pariri lill-Kummissjoni abbażi ta' kunsens. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taħdem flimkien ma' dawn l-esperti għal dan il-fini.

Il-Kunsill itenni l-importanza tal-konsultazzjonijiet imsemmijin hawn fuq u l-ħtieġa li l-Kummissjoni tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tal-esperti tal-Istati Membri. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jikkunsidra l-alternattivi previsti f'dan ir-Regolament dwar is-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita, b'mod partikolari l-espressjoni ta' oġġezzjoni għall-atti delegati rispettivi.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-Artikolu 14(1)**<br>1. Fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni ser tiżgura li d-dokumenti rilevanti jiġu trasmessi b'mod simultanju, f'waqtu u adatt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li tikkonsulta sew minn qabel, b'mod adatt u trasparenti, inkluż fejn adatt fir-rigward tal-effett prattiku li għandu jingħata lil dawn l-atti delegati, b'mod partikolari ma' esperti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri kollha li ser ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn l-atti delegati ladarba dawn ikunu ġew adottati jew emendati, u tikkunsidra bis-sħiħ l-opinjonijiet ta' dawn l-esperti.<br>2. Minħabba l-fatt li kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali għandhom rilevanza partikolari fit-tħejjija, it-tfassil, l-emendar u fejn adatt fl-għotja ta' effett prattiku lill-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tal-Istati Membri li f'dan il-proċess jaħtru bħala esperti lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi tagħhom fil-Bord tas-Sigurtà għas-Sistemi tal-GNSS Ewropej, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/334/KE, u tilqa' wkoll il-pożizzjoni tal-Istati Membri li dawn l-esperti, b'ħidma flimkien mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw, kemm jista' jkun, li jagħtu pariri lill-Kummissjoni abbażi ta' kunsens. |
| **Dikjarazzjoni minn Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit**<br>Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit ifakkru li l-użu tal-atti delegati huwa ġustifikat biss meta jkun hemm ħtieġa verifikata li jiġu kkompletati jew emendati elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv, filwaqt li l-elementi essenzjali ta' xi qasam huma riżervati mit-Trattat għall-att leġislattiv innifsu. Għalhekk, id-delega ta' setgħa ma tistax titqies bħala element varjabbli ta' aġġustament fin-negozjati.<br>F'dan il-każ, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit jemmnu li l-kwistjonijiet ta' sigurtà, li għalihom huwa previst hawn l-użu tal-atti delegati, kellhom jaqgħu taħt l-att bażiku. Barra minn hekk, huma jiddispjaċihom rigward l-użu kkombinat ta' atti delegati u ta' miżuri ta' implimentazzjoni, li fl-ebda każ ma jistgħu jikkostitwixxu simplifikazzjoni jew jgħinu biex il-liġi tkun aktar ċara jew aktar aċċessibbli. Għaldaqstant, huma ser jagħtu attenzjoni partikolari lill-kontenut tal-atti delegati li jistgħu jiġu adottati sussegwentement f'dan il-kuntest. |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

B'kont meħud tal-importanza ta' kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tixtieq tenfasizza l-fatt li fil-25.11.2013 il-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill (CSC) adotta b'mod unanimu l-opinjoni tiegħu dwar id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni rigward l-adozzjoni tal-Istandards Minimi Komuni (CMS) għas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) tal-Programm Ewropew tal-GNSS (Dok. 16439/13).

F'din l-opinjoni s-CSC ikkonkluda li l-atti delegati inġenerali ma kinux adatti bħala strument biex jiġu indirizzati kwistjonijiet sensittivi għas-sigurtà, peress li l-Kunsill seta' jieħu biss approċċ ta' kollox jew xejn matul il-proċess formali ta' adozzjoni. Is-CSC iddikjara wkoll li dan il-punt għandu jinżamm preżenti mil-leġislatur meta jadotta atti leġislattivi futuri li jirrigwardaw is-sigurtà.

Din l-opinjoni ma kinitx ingħatat fil-perijodu meta r-Regolament dwar il-GNSS ġie nnegozjat aktar kmieni din is-sena u għalhekk ma setgħetx tiġi meqjusa.

Madankollu, għandha tinżamm preżenti għal emendi futuri tar-Regolament dwar il-GNSS.

<table>
<tr><td>Regolament Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE<br>ĠU L 348, 20/12/2013, p. 1-128</td><td>PE-CONS 42/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta mis-Slovenja u l-Kroazja<br>Fid-dawl tar-rieżami li jmiss tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (ir-Regolament), is-Slovenja u l-Kroazja jaqblu li jikkunsidraw studju komuni. Filwaqt li jqis l-allinjament l-aktar adatt tan-netwerk TEN-T bejn in-nodi ewlenin/prinċipali rilevanti (eż. Ljubljana, Zagreb, München, Wien), l-istudju jimmira li jesplora l-allinjament l-aktar adatt tal-konnessjoni ferrovjarja bejn Żagreb u Maribor.<br>L-istudju ser iqis il-benefiċċji u l-ispejjeż soċjali, ekonomiċi, finanzjarji, klimatiċi u ambjentali kollha rilevanti, il-ħtiġijiet u l-flussi futuri tat-trasport kif ukoll il-metodoloġija u l-objettivi stipulati fir-Regolament. Il-Kummissjoni Ewropea ser tintalab tikkofinanzja dan l-istudju.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Italja**<br>L-Italja ma tapprovax bil-qawwa n-nuqqas ta' inklużjoni tal-port ta' Civitavecchia fl-Anness II għar-Regolament dwar linji gwida għall-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport.<br>It-talba li jiġi inkluż il-port ta' Civitavecchia fil-lista ta' portijiet fin-netwerk prinċipali saret b'mod ripetut kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak politiku. Din saret ukoll b'mod ripetut fil-Parlament.<br>Il-port ta' Civitavecchia jservi bħala n-nod urban primarju ta' Ruma, li mhijiex biss belt kapitali iżda wkoll, fuq il-bażi tal-metodoloġija Ewropea, nod MEGA u Żona Urbana Akbar (LUZ) b'aktar minn miljun abitant.<br>Kemm l-Artikolu 47(1) tar-Regolament dwar linji gwida kif ukoll il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni (Anness 2, punt 2 ta' SEC(2011) 101 final tad-19 ta' Jannar 2011)[1] jissanzjonaw l-inklużjoni tal-port ta' Civitavecchia fin-netwerk prinċipali.<br>Il-port ta' Civitavecchia jinsab fil-quċċata tal-klassifika Ewropea f'termini tal-għadd ta' imbarki, żbarki u tranżiti.<br>Id-distanza ġeografika bejn il-port ta' Civitavecchia u n-nod urban ta' Ruma hija ġustifikata mill-fond tal-kanali navigabbli.<br>Huwa fatt irrifjutabbli li, għal raġunijiet storiċi u ġeografiċi, il-port ta' Civitavecchia huwa l-port ewlieni li jservi lill-belt ta' Ruma.<br>Civitavecchia huwa l-Port ta' Ruma.<br>L-Italja tirriżerva d-dritt li tieħu kwalunkwe inizjattiva li tista' tirrimedja n-nuqqas mhux ġustifikat li Civitavecchia tiġi inkluża fin-netwerk ċentrali. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra kemm il-liġi miktuba kif ukoll l-intenzjoni tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p.13)li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, il-punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-Ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt b) tas-subparagrafu (2), ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun ġustifikat. |

[1] It-test tar-Regolament dwar linji gwida (Artikolu 47(1), l-ewwel inċiż) jiddikjara li n-nodi tan-netwerk prinċipali jinkludu "**nodi urbani, *inklużi l-portijiet u l-ajruporti tagħhom***". Skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni (Anness 2, punt 2.2, paġna 25 tal-verżjoni bl-Ingliż), nod primarju huwa: "belt kapitali ta' Stat Membru tal-UE", "Żona ta' Tkabbir Metropolitan" (MEGA) jew "konurbazzjoni (...) li taqbeż il-miljun abitant".

<table>
<tr><td colspan="2">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom<br>ĠU L 13, 17/01/2014, p. 1-73</td><td>13675/13</td></tr>
<tr><td colspan="2">It-3279 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI) li saret fi Brussell fil-5 u s-6 ta' Diċembru 2013</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri</td><td>12653/13</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mid-Danimarka<br>F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Ftehim il-Kummissjoni Ewropea tista' tinnotifika lill-Kanada li d-Danimarka għażlet li tintrabat b'dan il-Ftehim. In-notifika tal-Kumissjoni Ewropea lill-Kanada dwar id-Danimarka tista' ssir biss jekk id-Danimarka, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħha, tkun ħadet il-passi meħtieġa biex hija tintrabat mill-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Sadanittant, id-Danimarka mhix marbuta mill-Ftehim jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu f'konformità mal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka li huwa anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar allerti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS II | 17112/13 |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li tiżdied l-effiċjenza tal-miżuri restrittivi kontra ċittadini ta' pajjiżi terzi bil-projbizzjoni effettiva tad-dħul jew it-tranżitu tagħhom fiż-żona Schengen. Għal dan il-għan hija tappoġġa bis-sħiħ l-inizjattiva tal-Presidenza. Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li l-implimentazzjoni ta' tali miżuri restrittivi hija primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri minħabba li (i) huma previsti fid-Deċiżjonijiet tal-PESK u (ii) l-Istati Membri għandhom aċċess esklużiv għas-SIS II. Għalhekk, l-eżitu b'suċċess ta' mekkaniżmu koordinat ta' rieżami jista' jintlaħaq biss jekk l-Istati Membri jagħmlu dak kollu li jistgħu dwar it-titjib fil-kwalità tad-data u l-proċeduri nazzjonali. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Evakwazzjoni tal-Massa f'Każ ta' Diżastri fl-Unjoni Ewropea | 16155/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għall-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Marokk dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra | 16084/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill li jadottaw il-programm ta' ħidma tal-UE għall-2014-2016 dwar l-imminimizzar ta' riskji għas-sikurezza, is-sigurtà u l-ordni pubbliku b'rabta mal-avvenimenti sportivi, b'mod partikolari l-logħob tal-futbol, b'dimensjoni internazzjonali | 16373/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni | 16611/13 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni | ST 16612/13 + COR 1 |
| Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni | ST 16613/13 + COR 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fid-Disa' Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-sigurtà alimentari, il-ġestjoni ta' Kwoti tar-Rata Tariffarja u l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ | 15637/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea | 17057/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE | 16783/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali | 16622/13 |

| **It-3280 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea<br>(IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) li saret fi Brussell fid-9 u l-10 ta' Diċembru 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/745/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, id-definizzjoni ta' reati kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija<br>ĠU L 333, 12/12/2013, p. 75–76 | 14929/13 |
| 2013/744/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, id-definizzjoni ta' reati kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija<br>ĠU L 333, 12/12/2013, p. 73–74 | 14711/13 + COR 1<br>+ COR 2<br>+ ADD |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, ES, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI u UK**<br>Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni għall-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-FCTC tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex jiġi eliminat il-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk u jitolbu lill-Kummissjoni li jsir kull sforz possibbli biex jiġi limitat kwalunkwe piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-amministrazzjonijiet jew l-industrija. |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, EL, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI u UK**<br>Skont l-Artikolu 44, it-tielet paragrafu, tal-Protokoll tal-FCTC biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, l-Unjoni għandha tiddikjara sa fejn għandha tasal il-kompetenza tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet regolati mill-Protokoll. Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq b'dan jikkonfermaw li għandha ssir diskussjoni dettaljata dwar il-kompetenza fil-korpi adatti tal-Kunsill u li għandha tiġi maqbula lista sħiħa u dettaljata tal-kompetenzi bħala parti mid-deċiżjoni dwar il-Konklużjoni tal-Protokoll, f'konformità mar-regoli ta' proċedura. |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet BE, BG, CZ, DK, DE, EE, IE, EL, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, NL, AT, PT, RO, SI u FI**<br>Minħabba l-importanza li jintlaħaq ftehim fi żmien skadenza raġonevoli dwar id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk, il-Kunsill iddeċieda li ma jidentifikax fid-dettall, fl-istadju tal-iffirmar, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Protokoll li fihom obbligi għall-partijiet kontraenti relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, id-definizzjoni ta' reati kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija. Mal-ewwel impressjoni, dawk huma l-Artikoli 14, 16, 19, 23, 26, 27, 29 u 30 tal-Protokoll, iżda l-Kunsill biħsiebu jeżamina aktar din il-kwistjoni bil-ħsieb li jkollu lista lesta għall-mument meta jieħu d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet AT u RO**<br>Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq huma tal-fehma li d-deċiżjonijiet tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE dejjem jikkonċernaw ftehim fl-intier tiegħu. Qsim f'diversi deċiżjonijiet li jirreferu għal artikoli individwali ta' ftehim mhuwiex legalment vijabbli. |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet IT, PL, PT, SK u RO**<br>Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq jilqgħu b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar is-sejbien u t-traċċar previst fl-Artikolu 8 tal-"Protokoll biex jiġi eliminat il-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk". Dawn id-delegazzjonijiet għalhekk jitolbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li, f'każ li l-Proposta għar-reviżjoni tad-"Direttiva 2001/37/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk" tipprovdi miżuri dwar is-sejbien u t-traċċar, dawn tal-aħħar għandhom ikunu konsistenti ma' dawk tal-Protokoll. |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet BG, CZ, DK, DE, EL, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SK, SE, FI u UK**<br>Il-punt fokali globali għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, fl-Artikolu 8 (1) u (8)-(9) tal-Protokoll, m'għandux ikun sistema globali ta' bażi ta' data. Id-delegazzjonijiet imsemmija hawn fuq jifhmu li d-dispożizzjoni dwar l-aċċess għall-bażi ta' data ta' manifattur, mill-awtorità kompetenti fil-ġurisdizzjoni tal-manifattur tat-tabakk, għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-punt fokali globali tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni UK**<br>Skont l-Artikolu 4 TFUE, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hu qasam ta' kompetenza kondiviża. Billi l-Protokoll ma jaffettwax jew jibdel il-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe regola interna eżistenti tal-UE f'dan il-qasam, l-UE ma kisbitx kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) TFUE u għalhekk dan il-qasam jibqa' qasam ta' kompetenza kondiviża. Ir-Renju Unit għalhekk huwa tal-fehma li, f'dan is-sett ta' ċirkostanzi partikolari, mhijiex meħtieġa Deċiżjoni tal-Kunsill separata li tawtorizza lill-UE li tiffirma l-Protokoll fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill**<br>Fl-UE, l-Artikolu 6 tal-Protokoll ser jiġi implimentat permezz tas-sistema stabbilita fid-Direttiva 2008/118/KE, sa fejn tirrigwarda tabakk manifatturat fis-sens tad-Direttiva 2011/64/UE (sigaretti, sigarri, cigarillos, u tabakk tat-tipjip). |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**<br>1. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-limitazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' materji li fuqhom l-Unjoni għandha kompetenzi esklużivi mhix ġġustifikata fil-każ preżenti. L-oqsma ta' kompetenza esklużiva fil-Protokoll huma essenzjali, u ma jistgħux jinfirdu minn partijiet ta' kompetenza kondiviża. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-firma tal-Unjoni għandha tinftiehem bħal li tindika l-intenzjoni tagħha li tikkunsidra l-konklużjoni tat-totalità tal-Protokoll, separatament bl-Istati Membri li jaġixxu b'mod reċiproku fir-rigward tal-Artikolu 4(3) TUE.<br>2. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fil-prinċipju, hu prematur u bla bżonn li tiġi inkluża kwalunkwe dikjarazzjoni li tittratta l-implimentazzjoni tal-Protokoll f'dan l-istadju tal-iffirmar. B'mod partikolari, dikjarazzjoni waħda tal-Istati Membri tidher li tirreferi għal materji li għad ma ġewx stabbiliti, u li l-funzjonament u l-implimentazzjoni tagħhom għadhom mhux magħrufa. Bħala riżultat, pożizzjoni finali tal-UE dwar tali materji, bħal pereżempju l-implimentazzjoni tal-Protokoll fir-rigward tal-ġestjoni ta' data u l-punt fokali globali tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni taħt l-Artikolu 8 (8), tkun tista' titwettaq biss meta l-UE u l-Istati Membri jkunu jafu bl-alternattivi tekniċi u amministrattivi kollha disponibbli. |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1325/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<br>ĠU L 334, 13/12/2013, p. 2–3 | 16241/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1326/2013 tad-9 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<br>ĠU L 334, 13/12/2013, p. 4-5 | 16243/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE | 15552/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/726/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għal UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva<br>ĠU L 329, 10/12/2013, p. 41–43 | 16799/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/729/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)<br>ĠU L 332, 11/12/2013, p. 18–18 | 15843/13 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/730/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet ta' SEESAC ta' diżarm u ta' kontroll ta' armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra l-Akkumulazzjoni u t-Traffikar Illeċiti ta' SALW u l-Munizzjon tagħhom<br>ĠU L 332, 11/12/2013, p. 19–30 | 16234/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/725/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2012/173/PESK dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika<br>ĠU L 329, 10/12/2013, p. 39–40 | 15865/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-"Effettività ta' mekkaniżmi istituzzjonali għall-avvanz tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi" | 17605/13 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri | 16790/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Proċess ta' riflessjoni dwar sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli" | 16570/13 |

| Adozzjoni ta' att leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mid-9 sat-12 ta' Diċembru 2013) | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 22–61 | 17446/13<br>PE-CONS 119/13 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 1–21 | 17447/13<br>PE-CONS 118/13 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri<br>ĠU L 18, 21/01/2014, p. 1–51 | 17697/13<br>PE-CONS 145/13 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 38/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri<br>ĠU L 18, 21/01/2014, p. 52–69 | 17698/13<br>PE-CONS 146/13 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

| **It-3281 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-10 u t-18 ta' Diċembru 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva mill-Polonja b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 | 16853/13 |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fil-Polonja | 16852/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Miżuri Strutturali tal-UE Appoġġaw b'Suċċess ir-Riġenerazzjoni ta' Siti Industrijali u Militari Abbandunati?" | 16734/13 |
| 2013/746/UE: Deċizjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2013 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<br>ĠU L 333, 12/12/2013, p. 77–78 | 16003/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigarretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk fl-UE | 16644/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1331/2013 tal-10 ta' Diċembru 2013 li jaġġusta, mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 335, 14/12/2013, p. 1–2 | 16208/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1361/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 343, 19/12/2013, p. 7-8 | 17805/13 |

| **It-3282 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1342/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jirrevoka l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula jew kejbils tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>ĠU 338, 17/12/2013, p. 1–10 | 16733/13 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1343/2013 tat-12 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009<br>ĠU L 338, 17/12/2013, p. 11–22 | 16740/13 |

| **It-3283 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/759/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' tranżizzjoni tal-ġestjoni tal-FEŻ mill-1 ta' Jannar 2014 sad-dħul fis-seħħ tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp<br>ĠU L 335, 14/12/2013, p. 48–49 | 15946/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport mill-Kummissjoni dwar l-Appoġġ tal-UE għall-Governanza Demokratika, b'fokus fuq l-Inizjattiva ta' Governanza | 16186/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-Finanzjament tal-qerda tal-faqar u tal-iżvilupp sostenibbli wara l-2015 | 16718/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport annwali tal-2013 dwar il-Politiki tal-Unjoni Ewropea dwar l-Iżvilupp u l-Għajnuna Esterna u l-Implimentazzjoni tagħhom fl-2012 | 17166/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp | 17555/13 |

| It-3284 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fit-13 ta' Diċembru 2013 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2013/790/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-aċċettazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Emenda għall-Artikoli 25 u 26 tal-Konvenzjoni fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadajjar Internazzjonali<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 98–99 | 12713/13 + COR 1 |
| 2013/791/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 100–102 | 16372/13 |
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari<br>ĠU L 77, 15/03/2014, p. 109–116 | 16737/13 |
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 1990/2006<br>ĠU L 346, 20/12/2013, p. 7–11 | 16635/13 + COR 1 |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jirrevoka r-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010<br>ĠU L 346, 20/12/2013, p. 1–6 | 16633/13 + COR 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-programm Erasmus+ għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport | 15682/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/760/PESK tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 335, 14/12/2013, p. 50–51 | 16767/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1332/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 335, 14/12/2013, p. 3–7 | 17083/13 + COR 1 |

**It-3285 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2013**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 259–280 | PE-CONS 81/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEŻR, l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-KTE u l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħadu nota tal-garanzija provduta mill-Kummissjoni lil-leġislaturi tal-UE li l-indikaturi komuni tal-eżitu għar-Regolament dwar il-FEŻR, ir-Regolament dwar il-KTE u r-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni, li jiġu inklużi f'anness ma' kull regolament, huma r-riżultat ta' proċess ta' tħejjija twil li jinvolvi esperti ta' valutazzjoni kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, u bi prinċipju, huma mistennija jibqgħu stabbli.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1084/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 281–288</td><td>PE-CONS 82/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEŻR, l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-KTE u l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħadu nota tal-garanzija provduta mill-Kummissjoni lil-leġislaturi tal-UE li l-indikaturi komuni tal-eżitu għar-Regolament dwar il-FEŻR, ir-Regolament dwar il-KTE u r-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni, li jiġu inklużi f'anness ma' kull regolament, huma r-riżultat ta' proċess ta' tħejjija twil li jinvolvi esperti ta' valutazzjoni kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, u bi prinċipju, huma mistennija jibqgħu stabbli.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 289–302</td><td>PE-CONS 83/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEŻR, l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-KTE u l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħadu nota tal-garanzija provduta mill-Kummissjoni lil-leġislaturi tal-UE li l-indikaturi komuni tal-eżitu għar-Regolament dwar il-FEŻR, ir-Regolament dwar il-KTE u r-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni, li jiġu inklużi f'anness ma' kull regolament, huma r-riżultat ta' proċess ta' tħejjija twil li jinvolvi esperti ta' valutazzjoni kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri, u bi prinċipju, huma mistennija jibqgħu stabbli.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni marbuta mal-Artikolu 11(2)<br>Il-Kummissjoni għandha l-istess objettiv espress mill-Parlament Ewropew li tissimplifika l-proċeduri tal-għajnuna mill-istat fir-rigward tal-għajnuna operattiva mogħtija lill-impriżi stabbiliti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda li huma marbuta mal-ikkumpensar tal-ispejjeż addizzjonali mġarrba f'tali reġjuni bħala riżultat tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali speċifika tagħhom.<br>Skont il-proposta għar-Regolament futur għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (REĠS) kif ġiet ippubblikata dan l-aħħar mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-għajnuna operattiva maħsuba biex tikkumpensa ċerti spejjeż addizzjonali mġarrba mill-benefiċjarji stabbiliti f’dawn ir-reġjuni tkun titqies kompatibbli mas-suq intern, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, u għalhekk ikunu eżentati min-notifika taħt l-Artikolu 108(3) TFUE. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan ser jipprovdi bażi soda biex tintlaħaq is-simplifikazzjoni li wieħed qed ifittex, u ser tqis b'mod sħiħ l-osservazzjonijiet kollha li waslu mingħand l-Istati Membri fil-proċess ta' konsultazzjoni li għaddej bħalissa minħabba l-adozzjoni tar-Regolament fl-2014.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Regolament (KE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 470-486</td><td>PE-CONS 87/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 303-319</td><td>PE-CONS 84/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni marbua mas-sensibilizzazzjoni u l-Artikolu 4 u 4a tar-Regolament dwar ir-REKT<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jwettqu sforzi kkordinati aħjar għas-sensibilizzazzjoni fost u fl-istituzzjonijiet u l-Istati Membri sabiex titjieb il-viżibilità tal-possibilitajiet tal-użu tar-REKT bħala strument opzjonali disponibbli għall-kooperazzjoni territorjali fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE.<br>F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jistiednu lill-Istati Membri b'mod partikolari jidħlu għal azzjonijiet xierqa ta' koodinazzjoni u komunikazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u bejn l-awtoritajiet ta' Stati Membri differenti sabiex jiżguraw proċeduri ċari, effiċjenti u trasparenti ta' awtorizzazzjoni ta' REKT ġodda fit-termini fissati.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rigward l-Artikolu 1(9) tar-Regolament dwar ir-REKT**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li meta jiġi applikat l-Artikolu 9(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1082/2006 kif emendat, l-Istati Membri jagħmlu ħilithom meta jivvalutaw ir-regoli li jridu jkunu applikabbli għall-membri tal-persunal tar-REKT kif proposti fl-abbozz tal-konvenzjoni, li jqisu l-opzjonijiet ta' reġimi differenti ta' impjiegi disponibbli li jridu jintgħażlu mir-REKT, kemm skont id-dritt privat kif ukoll skont dak pubbliku.<br>Meta l-kuntratti tal-impjiegi għall-membri tal-persunal tar-REKT ikunu rregolati mid-dritt privat, l-Istati Membri jqisu wkoll id-dritt rilevanti tal-UE, bħalma hu r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-PE u l-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), kif ukoll il-prattika legali relatata tal-Istati Membri l-oħrajn rappreżentati fir-REKT.<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jifhmu wkoll li fejn il-kuntratti tal-impjiegi għall-membri tal-persunal tar-REKT ikunu rregolati mid-dritt pubbliku, ir-regoli tad-dritt pubbliku nazzjonali jkunu dawk tal-Istat Membru fejn l-organu rispettiv tar-REKT ikun jinsab. B'dana kollu, ir-regoli tad-dritt pubbliku nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun irreġistrat ir-REKT jistgħu japplikaw fir-rigward tal-membri tal-persunal tar-REKT diġà soġġetti għal dawn ir-regoli qabel ma jkunu saru membri tal-persunal tar-REKT. |
| **Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rigward ir-rwol tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas tal-pjattaforma tar-REKT**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tax-xogħol siewi magħmul mill-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas tal-Pjattaforma tar-REKT superviżjonata minnu u jħeġġeġ lill-Kumitat tar-Reġjuni jkompli jsegwi l-attivitajiet tar-REKT eżistenti u ta' dawk li jinsabu fil-proċess tat-twaqqif, jorganizza skambju tal-aqwa prattiki u jidentifika l-kwistjonijiet komuni. |

<table>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 320-469</td><td>PE-CONS 85/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Jastjeni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 67<br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-Artikolu 67 (4) li jeskludi l-applikazzjoni tal-ispejjeż simplifikati mniżżla fl-Artikolu 67 (1) (b)-(d) f'każijiet fejn operazzjoni jew proġett li jifforma parti minn operazzjoni jiġi implimentat esklussivament permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku ma jipprekludix l-implimentazzjoni ta' operazzjoni permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku li jirriżultaw fi ħlasijiet mill-benefiċjarju lill-kuntrattur abbażi ta' spejjeż għal kull unità predefiniti. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-ispejjeż determinati u mħallsa mill-benefiċjarju abbażi ta' dawn l-ispejjeż għal kull unità stabbiliti permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku għandhom jikkostitwixxu fil-fatt spejjeż reali u mġarrba u mħallsa mill-benefiċjarju taħt l-Artikolu 67 (1)(a).</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 145(7)<br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li għall-fini tal-Artikolu 145(7) tar-RDK, ir-referenza għat-terminu "liġi applikabbli" fir-rigward tal-valutazzjoni ta' nuqqasijiet serji fil-funzjonament effettiv tas-sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll tinkludi interpretazzjonijiet ta' din il-liġi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni applikabbli fid-data meta d-dikjarazzjonijiet rilevanti ta' ġestjoni, ir-rapporti annwali ta' kontroll u l-opinjonijiet tal-awditjar rilevanti ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mar-rikostituzzjoni tal-approprjazzjonijiet**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li fir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju għall-fini li jiġi allinjat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, jinkludu dispożizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-arranġamenti għall-allokazzjoni tar-riżerva tal-prestazzjoni u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 39 (inizjattiva tal-SME) taħt ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment b'rabta mar-rikostituzzjoni ta':<br>i) approprjazzjonijiet li kienu impenjati għal programmi fir-rigward tar-riżerva tal-prestazzjoni u li kellhom jiġu diżimpenjati b'riżultat ta' prijoritajiet taħt dawn il-programmi li ma kisbux l-istadji sinifikanti tagħhom u;<br>ii) approprjazzjonijiet li kienu impenjati fir-rigward ta' programmi dedikati msemmija fl-Artikolu 39(4)b u li kellhom jiġu diżimpenjati minħabba li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fl-istrument finanzjarju kellha titwaqqaf. |
| **Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 1**<br>Jekk ikunu meħtieġa derogi ġustifikati ulterjuri għar-regoli komuni biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-FEMS u tal-FAEŻR, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jimpenjaw ruħhom li jippermettu dawn id-derogi billi jipproċedu bid-diliġenza dovuta għall-modifiki neċessarji għar-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-esklużjoni ta' kwalunkwe retroattività fir-rigward tal-applikazzjoni tal-<br>Artikolu 5(3)**<br>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li:<br>– rigward l-applikazzjoni tal-Artikoli 14(2), 15(1)(c) u 26(2) tar-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri biex jinvolvu s-sħab li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(1) fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(2) jinkludu l-azzjonijiet kollha meħuda f'livell prattiku mill-Istati Membri indipendentement miż-żmien meta jittieħdu kif ukoll l-azzjonijiet meħuda minnhom qabel id-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament u qabel il-ġurnata tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat għal Kodiċi ta' Kondotta Ewropew adottat skont l-Artikolu 5(3) tal-istess Regolament, waqt il-fażijiet ta' tħejjija ta' proċedura ta' programmar ta' Stat Membru, dment li l-objettivi tal-prinċipju ta' sħubija stipulati f'dak ir-Regolament jinkisbu. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri, skont il-kompetenzi nazzjonali u reġjonali tagħhom, se jiddeċiedu dwar il-kontenut tat-tnejn li huma, il-Ftehim ta' Sħubija propost u l-abbozzi ta' programmi proposti, skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dak ir-Regolament u r-regoli speċifiċi għall-fond; |
| – l-att delegat li jistabbilixxi kodiċi ta' kondotta Ewropew, adottat skont l-Artikolu 5(3), mhu se jkollu l-ebda effett retroattiv, taħt l-ebda ċirkostanza u la direttament u lanqas indirettament, speċjalment fir-rigward tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi, għax mhix l-intenzjoni tal-leġislatur tal-UE li jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni b'mod li din tkun tista' tiċħad l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi fuq il-bażi unika u esklużiva ta' xi tip ta' nonkonformità mal-kodiċi ta' kondotta Ewropew, adottat skont l-Artikolu 5(3);<br>– il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom l-abbozz ta' test tal-att delegat li se jiġi adottat taħt l-Artikolu 5(3) malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard mid-data meta l-ftehim politiku dwar ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment jiġi adottat mill-Kunsill jew id-data meta l-abbozz ta' rapport dwar dak ir-Regolament jiġi vvutat fil-plenarja tal-Parlament Ewropew, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummisjoni dwar il-paragrafu 5 tal-Artikolu 123**<br>L-iskop ta' dan l-Artikolu huwa li jiġi żgurat li jkun hemm garanziji tal-indipendenza reali tal-awtoritajiet tal-awditjar meta d-daqs ta' programm operattiv ikun ifisser li r-riskju huwa ogħla, mingħajr ma jiġu kkontestati l-arranġamenti organizzattivi ta' dawk l-awtoritajiet tal-awditjar li fil-każ tagħhom l-esperjenza tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tkun ta' xhieda tal-indipendenza u tal-affidabbiltà effettiva tagħhom.<br>Il-Kummissjoni se tara li tapplika b'mod attiv id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 u tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1198/2006 b'tali mod li fil-każijiet li fihom tkun tista' tikkonkludi li l-kriterji jkunu sodisfatti, tkun tista' tinforma lill-Istat Membru kemm jista' jkun malajr, u qabel tmiem l-2013, li hija tista' tistrieħ prinċipalment fuq l-opinjoni tal-awtorità tal-awditjar. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 22**<br>1. Il-Kummissjoni tqis li l-fini prinċipali tal-qafas ta' prestazzjoni huwa li jiġi stimolat twettiq effettiv tal-programmi biex jinkisbu r-riżultati ppjanati u li l-miżuri fil-paragrafi 6 u 7 għandhom jiġu applikati b'kunsiderazzjoni dovuta għal dak il-fini.<br>2. Fejn il-Kummissjoni ssospendiet parti mill-pagamenti interim jew il-pagamenti interim kollha għal prijorità skont il-paragrafu 6, l-Istat Membru jista' jkompli jippreżenta talbiet għal pagament fir-rigward tal-prijorità sabiex jiġi evitat diżimpenn għall-programm skont l-Artikolu 86.<br>3. Il-Kummissjoni tikkonferma li ser tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 (7) sabiex ma jkunx hemm telf doppju ta' fondi fir-rigward tan-nuqqas ta' ksib ta' miri marbuta ma' assorbiment inqas ta' fondi taħt prijorità. Meta parti mill-impenji għal programm ġew diżimpenjati b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikoli 86 sa 88 bi tnaqqis konsegwenti fl-ammont ta' appoġġ għall-prijorità, jew meta fit-tmiem tal-perjodu ta' programmar ikun hemm infiq anqas mill-ammont allokat lill-prijorità, il-miri rilevanti stabbiliti fil-qafas ta' prestazzjoni għandhom jiġu aġġustati pro rata għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 22 (7). |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni fir-rigward tat-test ta' kompromess dwar l-indikaturi**<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li ser tlesti d-dokumenti ta' gwida tagħha dwar l-indikaturi komuni għall-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea f'konsultazzjoni man-netwerks rispettivi ta' evalwazzjoni li jinkludu esperti nazzjonali ta' evalwazzjoni fi żmien 3 xhur mill-adozzjoni tar-Regolamenti. Dawn id-dokumenti ta' gwida ser jinkludu definizzjonijiet ta' kull indikatur komuni u metodoloġiji għall-ġbir u r-rappurtar ta' data dwar l-indikaturi komuni. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar it-tqassim f'fażijiet tal-operazzjonijiet skont il-programmi operattivi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020**<br>Bħala prinċipju ġenerali, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-operazzjonijiet kollha jkunu qed jiffunzjonaw, jiġifieri kompletati u qed jintużaw, saż-żmien meta d-dokumenti ta' għeluq jiġu ppreżentati sabiex in-nefqa relatata tkun tista' tiġi ddikjarata bħala eliġibbli. Ta' min ifakkar li kull operazzjoni għandha tingħażel u tiġi implimentata sabiex tkun ta' kontribut għall-kisba tal-objettivi ta' programm partikolari u ta' assi ta' prijorità.<br>L-Istati Membri huma responsabbli li jiddefinixxu kull operazzjoni, inkluż l-ambitu, l-objettivi u r-riżultati tagħha. Dan jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa li jagħżlu għal appoġġ l-operazzjonijiet li jkunu qed jiffunzjonaw sa tmiem il-perijodu ta' programmazzjoni.<br>Bħala eċċezzjoni, u f'ċirkostanzi debitament iġġustifikati, l-Istati Membri jista' jkollhom bżonn jaġġustaw operazzjoni magħżula li ma tkunx tista' tiġi kkompletata sa tmiem il-perijodu billi l-implimentazzjoni tagħha tinqasam fuq żewġ perijodi ta' programmazzjoni. Il-Kummissjoni tikkonferma li din il-flessibilità teżisti soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati għall-finijiet tal-għeluq tal-programm (il-linji gwida dwar l-għeluq ta' programmi operattivi adottati għal assistenza mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (2007-2013)). F'tali każ, iż-żewġ fażijiet jikkostitwixxu operazzjonijiet separati li kull waħda minnhom tiġi implimentata skont ir-regoli applikabbli għal perjodi ta' programmazzjoni rispettivi, għalkemm l-għan globali li għandu jinkiseb wara l-implimentazzjoni taż-żewġ fażijiet biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-operazzjoni għandu jiġi stabbiliti għal kull fażi.<br>Barra minn hekk il-Kummissjoni tista' tapprova l-qsim f'fażijiet ta' proġetti maġġuri fejn il-perijodu ta' implimentazzjoni jkun mistenni li jkun itwal mill-perijodu ta' programmazzjoni jew fid-deċiżjoni li tapprova proġett maġġuri jew f'xi emenda sussegwenti għaliha. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 127 dwar it-teħid ta' kampjuni mhux statistiċi**<br>Il-Kummissjoni tinnota li fir-rigward tal-kwistjoni tat-teħid ta' kampjuni mhux statistiċi, l-Artikolu 127(1) jipprevedi li kampjun bħal dan irid ikopri tal-anqas 5 % tal-operazzjonijiet li għalihom tkun ġiet iddikjarata n-nefqa lill-Kummissjoni matul sena fiskali, u 10 % tan-nefqa li tkun ġiet dikjarata lill-Kummissjoni matul sena fiskali. Hija tinnota wkoll li l-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-awtoritajiet tal-awditjar għall-perijodu ta' programmazzjoni 2007-2013 jindikaw li d-daqs tal-kampjun fil-każ ta' teħid ta' kampjuni mhux statistiċi ġeneralment m'għandux ikun ta' anqas minn 10 % tal-popolazzjoni tal-operazzjonijiet. Il-Kummissjoni tqis li l-possibbiltà li jitnaqqas id-daqs tal-kampjun ta' operazzjonijiet għal 5 % jippreżenta riskju li l-kampjun ma jkunx rappreżentattiv biżżejjed u jkollu għalhekk l-effett li tiddgħajjef l-affidabilità tal-awditjar. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar rati fissi**<br>Il-Kummissjoni tieħu nota tax-xewqa qawwija tal-Istati Membri li perċentwali ta' dħul b'rata fissa għas-setturi jew is-subsetturi fi ħdan l-oqsma tal-ICT, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u l-effiċjenza fl-enerġija jiġu stabbiliti mill-aktar fis possibbli skont l-Artikolu 61(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. L-istabbiliment ta' rati fissi jeħtieġ data storika affidabbli u rappreżentattiva sabiex jiġi żgurat li jkun hemm bażi soda għar-rata fissa u sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' finanzjament eċċessiv. Konsegwentement, il-Kummissjoni ser tipprepara l-proċess ta' sejħiet għall-offerti biex jitnieda studju għall-ġbir u l-analiżi tad-data neċessarja madwar l-UE mingħajr ma tistenna l-adozzjoni tal-pakkett leġislattiv, u se tippjana u tmexxi l-istudju, u tiġbed il-konklużjonijiet mir-riżultati tiegħu sabiex tkun tista' tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rati fissi għal dawn is-setturi jew is-subsetturi fl-aktar data kmieni possibbli u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2015. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 23**<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li, mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, hija ser toħroġ linji gwida fil-forma ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tispjega l-kunċett tagħha ta' kif jiġu applikati d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 23 CPR dwar il-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi ESI ma' governanza ekonomika soda. Il-linji gwida se jkopru b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:<br>• fir-rigward tal-paragrafu 1, il-kunċett ta' 'rieżami' u t-tipi ta' 'emendi' għal Ftehimiet ta' Sħubija u għal programmi li jistgħu jintalbu mill-Kummissjoni kif ukoll kjarifika ta' dak li jista' jikkostitwixxi 'azzjoni effettiva' skont it-tifsira tal-paragrafu 6;<br>• fir-rigward tal-paragrafu 6, indikazzjoni taċ-ċirkostanzi li jistgħu jagħtu lok għal sospensjoni tal-pagamenti, inklużi kriterji li jistgħu jkunu rilevanti fid-determinazzjoni tal-programmi li jistgħu jiġu sospiżi jew biex jiġi ddeterminat il-livell ta' sospensjoni tal-pagamenti. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-emenda ta' ftehimiet ta' Sħubija u ta' programmi fil-kuntest tal-Artikolu 23**<br>Il-Kummissjoni tqis li, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(4) u (5), hija tista', meta jkun neċessarju, tagħmel osservazzjonijiet dwar proposti għall-emendar tal-Ftehimiet ta' Sħubija u għal programmi ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 23(4), b'mod partikolari fejn dawn ma jkunux konsistenti mar-risposta minn qabel ippreżentata minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 23(3), u f'kull każ abbażi tal-Artikoli 16 u 30. Hija tqis li l-iskadenza ta' tliet xhur għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tapprova l-emendi għall-Ftehim ta' Sħubija u għall-programmi rilevanti stipulata fl-Artikolu 23(5) tibda tiddekorri mill-preżentazzjoni tal-proposti għal emendi skont il-paragrafu 4, sakemm dawn jieħdu kont xieraq ta' kwalunkwe osservazzjoni magħmula mill-Kummissjoni. |
| **Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-impatt tal-ftehim milħuq mill-koleġislaturi dwar il-livelli tar-riżerva ta' prestazzjoni u ta' prefinanzjament fuq il-limiti tal-pagamenti**<br>Il-Kummissjoni tqis li l-approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali, li jistgħu jkunu meħtieġa fl-2014-2020, bħala riżultat tat-tibdiliet li ddaħħlu għall-prestazzjoni ta' riżerva u l-prefinanzjament, għadhom limitati.<br>Il-konsegwenzi għandhom ikunu jistgħu jiġu ġestiti fir-rispett tal-abbozz ta' Regolament tal-QFP.<br>Il-fluttwazzjonijiet annwali fil-livell globali ta' pagamenti, inklużi dawk ġenerati mit-tibdiliet imsemmija se jkunu ġestiti permezz tal-użu tal-marġini globali għall-pagamenti u l-istrumenti speċjali li dwarhom intlaħaq qbil fl-abbozz ta' Regolament tal-QFP.<br>Il-Kummissjoni se tissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib u se tippreżenta l-valutazzjoni tagħha bħala parti mir-rieżami ta' nofs il-perijodu. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5**<br>Il-Parlament Ewropew jieħu nota tal-informazzjoni trasmessa fid-19 ta' Diċembru 2012 mill-Presidenza wara dibattiti tal-COREPER li permezz tagħhom l-Istati Membri ddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jikkunsidraw fl-istadju ta' tħejjija tal-ipprogrammar u kemm jista' jkun possibbli, il-prinċipji tal-abbozz ta' Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment bħala l-abbozz tar-Regolament kif kien fil-ħin ta' dik it-trasmissjoni ta' informazzjoni b'rabta mal-blokk ta' programmar strateġiku inkluż l-ispirtu u l-kontenut tal-prinċipju ta' sħubija kif stabbilit fl-Artikolu 5. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mid-Danimarka, l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, il-Finlandja u r-Renju Unit<br>Id-Danimarka, l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, il-Finlandja u r-Renju Unit jaqblu hija ta' importanza assoluta li ż-żieda fil-pagamenti kkawżata mill-emendi għall-approċċ ġenerali tal-Kunsill fil-kompromess finali dwar il-pakkett leġislattiv tal-koeżjoni fir-rigward tar-riżerva tal-prestazzjoni u l-ħlas bil-quddiem jista' jiġi mmaniġġjat fil-limiti massimi tal-pagamenti kif iddikjarat ripetutament mill-Kummissjoni matul in-negozjati.</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili Test b’relevanza għaż-ŻEE<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 924-947</td><td>PE-CONS 97/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Jastjeni: UK<br>Kontra: AT, DE</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-approċċ meħud fl-Artikolu 19(4), (5) u (6) u fl-Anness I, li jirrispondi għall-ispeċifiċitajiet ta' din id-Deċiżjoni u ma għandu l-ebda valur ta' preċedent għal strumenti finanzjarji oħra.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni, inkluż il-mod ta' tqassim baġitarju stipulat fl-Anness I, minn Jannar 2015 'il quddiem. Dan l-approċċ huwa bbażat fuq in-natura speċifika tal-politika tal-protezzjoni ċivili u ma għandu l-ebda valur ta' preċedent għal strumenti finanzjarji oħra.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1384/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 85–85 | PE-CONS 111/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 73–83 | PE-CONS 90/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Mhux jipparteċipaw: DK, UK |
| Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 62–72 | PE-CONS 89/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 1383/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 84–84 | PE-CONS 108/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

<table>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 855–864</td><td>PE-CONS 99/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DE, UK</td></tr>
<tr><td>Deċiżjoni Nru 1359/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fejn tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien tal-irkant tal-kwoti tal-gassijiet serra<br>ĠU L 343, 19/12/2013, p. 1–1</td><td>PE-CONS 114/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: PL</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, is-Slovenja u r-Renju Unit<br>1. Aħna ninsabu impenjati ferm fl-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li hija fil-qalba tal-politiki tal-UE dwar it-tibdil fil-klima u l-investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju sa, u lil hinn sew mill-2020.<br>2. Madankollu, aħna nibqgħu mħassbin serjament li l-ETS kif attwalment imfassal ma jistax jipprovdi s-sinjali tal-prezzijiet meħtieġa għall-istimolu tal-investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju meħtieġa issa minħabba l-iżbilanċ sinifikanti bejn id-domanda u l-provvista fl-ETS fi snin reċenti li wassal għall-prezz tal-karbonju baxx ħafna. Dawn il-kwistjonijiet jheddu wkoll il-kredibbiltà tas-swieq tal-karbonju bħala l-aktar mod flessibbli u kosteffettiv biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet.<br>3. L-iffriżar tal-kwoti huwa l-ewwel pass biex tiġi pprovduta soluzzjoni fuq perijodu qasir sakemm issir riforma strutturali tal-ETS tal-UE. Madankollu, hemm ħtieġa urġenti għal iffokar imġedded fuq miżuri aktar sostantivi biex tissaħħaħ is-sistema. Aħna issa qed inħeġġu lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena, proposti biex issir riforma strutturali tajba tal-ETS tal-UE, sabiex l-investituri jingħataw sinjal ċar dwar l-ambizzjoni tal-Ewropa għal livell baxx ta' karbonju lil hinn mill-2020 u biex tistimola l-investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u t-tnaqqis tal-emissjonijiet l-aktar kosteffettiv.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Polonja<br>Fl-opinjoni tagħna, kwalunkwe interferenza fl-ETS tal-UE mhix meħtieġa, għax l-ETS tal-UE huwa preżumibbilment mekkaniżmu tas-suq, li għandu jwassal għal kollox minbarra t-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-aktar mod kosteffettiv.<br>Azzjonijiet politiċi u legali bil-għan li temporanjament jitnaqqas l-għadd ta' allokazzjonijiet fis-sistema jistgħu temporanjament jgħollu l-prezzijiet tagħhom, iżda żgur ser ikollhom impatt negattiv fuq l-affidabbiltà u l-prevedibbiltà tas-sistema, u b'hekk tonqos il-fiduċja tal-parteċipanti tagħha.<br>Proposti għal intervent politiku fis-suq tal-ETS tal-UE jistgħu attwalment jitqiesu bħala sinjal ċar tal-instabbiltà tas-suq, b'effett ħażin fuq id-deċiżjonijiet dwar l-investiment fl-industrija. Soluzzjonijiet ad hoc li jbiddlu r-regoli waqt il-logħba jagħmlu ħsara lill-kredibbiltà tas-suq u jistgħu anke jikkawżaw żieda fl-emissjonijiet globali minħabba rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju.<br>Barra minn hekk, il-problema tirriżulta meta l-allokazzjonijiet preċedentement irtirati mis-suq jiġu aktar tard imdaħħla mill-ġdid fis-suq. Azzjonijiet bħal dawn mhux ser ibiddlu s-sitwazzjoni fis-suq, ħlief li l-volatilità tiżdied fil-perijodu l-qasir.<br>Il-proposta attwali ser tagħti lill-Kummissjoni d-drittijiet li tintervjeni fis-suq li fih hi għandha tkun biss ir-regolatur. Dan huwa preċedent perikoluż li jista' jbiddel in-natura tas-suq tal-ETS u li jista' jhedded il-kisba tal-objettivi tas-sistema b'mod kosteffettiv.<br>B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Polonja ma tistax tappoġġa l-proposta u tivvota kontra l-adozzjoni tagħha.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 608–670</td><td>PE-CONS 95/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 9(2) tal-Pagamenti Diretti<br>L-Artikolu 9(2) tal-abbozz ta' Regolament dwar il-Pagamenti Diretti ma jipprekludix bidwi milli jikri bini, jew binjiet, jew partijiet minnu, lil partijiet terzi jew milli jippossjedi stalel, dment li dawk l-attivitajiet ma jikkostitwixxux ix-xogħol prinċipali tal-bidwi.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar appoġġ akkoppjat**<br>Għal prodotti agrikoli, b'mod partikolari dawk li mhumiex eliġibbli għal appoġġ akkoppjat skont l-Artikolu 38(1) tar-Regolament dwar il-Pagamenti Diretti, il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib l-evoluzzjoni tas-suq tagħhom u, fil-każ ta' kriżi serja tas-suq, tista' tirrikorri għal kwalunkwe miżura adatta fid-dispożizzjoni tagħha biex ittejjeb is-sitwazzjoni tas-suq. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni**<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p.13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jkun bi tweġiba għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola tal-prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, punt b), ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat**<br>Il-Kunsill, wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-hekk imsejħa klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni, itenni li l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat mhuwiex eċċezzjoni għar-regola ġenerali u lanqas ma kien intenzjonat li jkun.<br>Huwa għal-leġislatura li tiddetermina, fl-att bażiku u fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, jekk tużax jew le l-għażla magħmula disponibbli permezz tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) u b'hekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kumitat. L-ebda kunsiderazzjoni ta' natura legali ma tillimita l-possibbiltà li tintuża din l-għażla. Għall-kuntrarju ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat, il-paragrafu 5(4) ma jitlob l-ebda ġustifikazzjoni speċifika għal din l-għażla. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar l-ambitu tal-appoġġ akkoppjat**<br>Fil-qafas tad-diskussjoni fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd, il-Polonja konsistentement enfasizzat il-ħtieġa għal estensjoni tal-ambitu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 38 tal-abbozz ta' regolament dwar l-appoġġ dirett. Il-Polonja tqis li mal-lista ta' setturi għandhom jinżiedu dawk appoġġati bħalissa skont l-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill 73/2009. Din il-lista għandha tinkludi b'mod partikolari setturi ta' importanza speċjali fir-reġjuni ekonomikament u ambjentalment vulnerabbli, inklużi tip ta' produzzjoni li tirrikjedi ħafna ħaddiema, bħat-tabakk, importanti għas-suq tax-xogħol rurali u għall-implimentazzjoni ta' wieħed mill-għanijiet ta' Ewropa 2020. |
| **Dikjarazzjoni komuni u talba mir-Rumanija u l-Latvja**<br>Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din ir-Riforma tal-PAK kien sistema fejn il-pagamenti diretti jitqassmu b'mod aktar ekwu, li għandu jħalli lill-Istati Membri kollha b'pagamenti diretti għal kull ettaru taħt id-90% tal-medja Ewropea jagħlqu terz tad-differenza bejn il-livell ta' pagamenti diretti attwali tagħhom u 90% tal-medja tal-UE matul il-perjodu li jmiss u li l-Istati Membri kollha għandhom jiksbu mill-inqas il-livell ta' EUR 196 għal kull ettaru sal-2020, kif maqbul mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013.<br>Fuq il-bażi ta' dan il-prinċipju ġenerali aċċettat ta' distribuzzjoni aktar ekwa tal-pagamenti diretti, ir-Rumanija u l-Latvja jappoġġaw ir-riforma u jaċċettaw il-kompromess li ntlaħaq. Kompromess bħal dan għandu jiggarantixxi lir-Rumanija u lil-Latvja li l-ammonti tal-pakketti nazzjonali għall-2019 u l-2020 ikunu konsistenti biżżejjed biex jippermettu pagament dirett ta' mill-inqas EUR 196 għal kull ettaru. Madankollu, l-abbozz ta' regolament attwali ma jiżgurax totalment il-prinċipju miftiehem mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013. Bħala riżultat, il-limiti massimi tal-pakketti tal-pagamenti diretti għar-Rumanija u l-Latvja fis-sena kalendarja 2019 u s-sena sussegwenti huma stipulati hawn taħt u jipprevedu tnaqqis għall-pagamenti diretti ta' aktar minn EUR 4 miljun  għar-Rumanija u kważi EUR 700 elef għal-Latvja.<br>Ir-Rumanija u l-Latvja ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni u rċevew tweġiba pożittiva dwar it-talba tagħna li jiżdiedu l-allokazzjonijiet għas-snin finanzjarji 2019-2020 sabiex tiġi żgurata traspożizzjoni sħiħa tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013. L-Anness II u III tar-Regolament il-ġdid dwar il-Pagament Dirett għandhom jiġu emendati rispettivament. Dan jitlob deċiżjoni rapida fil-livell tal-Kunsill tal-Ministri li jmiss.<br>Aħna tassew nittamaw li dan l-aġġustament tekniku għandu jitqies sabiex jiġu trasposti u implimentati bis-sħiħ id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-limiti massimi tal-pakketti tal-pagamenti diretti għar-Rumanija u l-Latvja. Inkella, il-bdiewa fir-Rumanija u l-Latvja jiġu diskriminati darbtejn, l-ewwel nett għax il-livell tagħhom ta' pagamenti diretti għadu l-aktar baxx fl-Unjoni Ewropea, u t-tieni billi ma tiġix rispettata l-Konklużjoni tal-Kunsill dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. |

<table>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 671–854</td><td>PE-CONS 96/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DE<br>Jastjeni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)<br>L-eżitu tan-negozjati fir-rigward tar-rikors għall-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jifforma parti mill-kompromess globali dwar ir-riforma attwali tal-PAK u huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni ta' kull istituzzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u għal kwalunkwe żvilupp futur fir-rigward ta' din il-kwistjoni, b'mod partikolari kwalunkwe każistika ġdida mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)<br>Fir-rigward tal-eżitu tan-negozjati dwar il-PAK fit-trilogu ta' Ġunju 2013, il-Kunsill jikkonferma li d-deċiżjoni tiegħu li l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 43(3) TFUE koperti mir-Regolament dwar l-OKS Unika kienet maħsuba biss, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' dak it-trilogu, biex tippermetti li jintlaħaq kompromess. Għaldaqstant, din mhix ser taffettwa l-pożizzjoni li l-Kunsill ser ikompli jieħu fil-futur għad-difiża tal-prerogattivi li ngħataw lilu mit-Trattat ta' Lisbona.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni (b'rabta mal-Artikolu 75(1))<br>Il-Kummissjoni hija konxja ferm tas-sensittività tal-estensjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal setturi jew prodotti li bħalissa mhumiex soġġetti għal dawn ir-regoli taħt ir-Regolament tal-OKS Unika.<br>L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għandhom japplikaw biss għal setturi fejn hemm aspettattivi ċari tal-konsumaturi u meta jkun hemm il-ħtieġa li jittejbu l-kondizzjonijiet ekonomiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti speċifiċi kif ukoll il-kwalità tagħhom, jew biex jittieħed kont tal-progress tekniku jew il-ħtieġa għall-innovazzjoni tal-prodott. Huma għandhom jevitaw ukoll piż amministrattiv, ikunu jistgħu jinftiehmu b'mod sempliċi mill-konsumaturi u jgħinu lill-produtturi biex jikkomunikaw faċilment il-karatteristiċi u l-attributi tal-prodotti tagħhom.<br>Il-Kummissjoni ser tieħu kont ta' kull talba debitament ġustifikata mill-Istituzzjonijiet jew l-organizzazzjoni rappreżentattiva, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' Korpi Internazzjonali, imma qabel ma tuża s-setgħa tagħha li tinkludi prodotti ġodda jew setturi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 75 ser tkun meħtieġa tevalwa bir-reqqa l-ispeċifiċità ta' dak is-settur u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa, b'mod partikolari, il-ħtieġa tal-konsumatur, l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi għall-operaturi inkluż l-impatt fuq is-suq intern u fuq il-kummerċ internazzjonali, kif ukoll il-benefiċċji offruti lill-produtturi u lill-konsumatur aħħari.</td></tr>
</table>

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar iz-zokkor**<br>Sabiex jimmiraw għal suq ekwilibrat u provvista fluwida ta' zokkor għas-suq tal-Unjoni matul il-perijodu li jifdal tal-kwoti taz-zokkor, il-Kummissjoni ser ikollha tikkunsidra l-interessi kemm tal-produtturi tal-pitravi taz-zokkor kif ukoll tar-raffinaturi tal-kannamieli mhux maħdum tal-UE fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu temporanju tal-ġestjoni tas-suq stabbilit fl-Artikolu 131 tar-Regolament dwar l-OKS Unika. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-Għodda Ewropea għall-Monitoraġġ tal-Prezzijiet**<br>Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza tal-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data disponibbli dwar l-iżviluppi tal-prezzijiet fl-istadji differenti tal-katina alimentari. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni żviluppat Għodda Ewropea għall-Monitoraġġ tal-Prezzijiet għal Prodotti tal-Ikel, li tislet mid-data kombinata tal-indiċi tal-prezzijiet relatata mal-ikel miġbura mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika. Din l-għodda timmira li tiġbor flimkien u tagħmel l-iżvilupp tal-prezzijiet disponibbli fil-katina alimentari, u tippermetti paragun tal-iżviluppi fil-prezzijiet għall-prodotti agrikoli rilevanti, għall-industriji tal-ikel u l-prodotti rilevanti tal-konsumatur. Din l-għodda qed tittejjeb kostantament u ser timmira li tespandi l-firxa ta' prodotti tal-katina alimentari koperti minnha u b'mod ġenerali li tissodisfa l-ħtieġa tal-bdiewa u tal-konsumaturi għal aktar trasparenza u formazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Għodda Ewropea għall-Monitoraġġ tal-Prezzijiet u r-riżultati tal-istudji ta' dan tal-aħħar. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni**<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p.13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jkun bi tweġiba għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola tal-prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, punt b), ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat**<br>Il-Kunsill, wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-hekk imsejħa klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni, itenni li l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat mhuwiex eċċezzjoni għar-regola ġenerali u lanqas ma kien intenzjonat li jkun.<br>Huwa għal-leġislatura li tiddetermina, fl-att bażiku u fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, jekk tużax jew le l-għażla magħmula disponibbli permezz tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) u b'hekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kumitat. L-ebda kunsiderazzjoni ta' natura legali ma tillimita l-possibbiltà li tintuża din l-għażla. Għall-kuntrarju ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat, il-paragrafu 5(4) ma jitlob l-ebda ġustifikazzjoni speċifika għal din l-għażla. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjonijiet mill-Italja**<br>L-Italja tqis li t-test imsemmi fl-Artikolu 113(e) par. 2 tar-Regolament dwar l-OKS jippermetti li l-konsultazzjoni għall-ftehim bejn il-partijiet tista' tiġi konkluża mar-rappreżentanti tal-produtturi tal-majjali wkoll.<br>L-Italja tqis li d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament dwar l-OKS Unika ma jeskludux lill-produtturi tal-inbid mid-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 3/2008. |
| **Dikjarazzjoni mill-Greċja dwar id-drittijiet ta' tħawwil**<br>Wara d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar l-iskema tal-UE rigward il-pjantaġġuni tad-dwieli, il-Greċja tqis li l-Istati Membri jistgħu jinkludu fl-awtorizzazzjonijiet annwali ta' tħawwil skont l-Artikoli 62, 63 u 64, fil-livell reġjonali, dwieli diġà mħawla b'varjetajiet ta' dwieli b'għan doppju jew tripplu li mhumiex inklużi, s'issa, fil-potenzjal tal-produzzjoni tas-settur vitivinikulturali. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar il-possibbiltajiet ugwali għal appoġġ tas-settur tal-ħops taħt organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli**<br>Fil-qafas tad-diskussjoni fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd, il-Polonja ġibdet l-attenzjoni dwar in-neċessità għal kondizzjonijiet ugwali għal appoġġ tas-settur tal-ħops taħt il-miżuri previsti fl-abbozz ta' regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli. Il-Polonja ma taċċettax dawk id-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu applikati biss fi Stat Membru wieħed, li b'dan il-mod joħolqu kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ugwali. Il-Polonja tqis li s-soluzzjoni pprovduta għandha tippermetti li jiġu appoġġati wkoll taħt din id-dispożizzjoni produtturi tal-ħops Pollakki. |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja tilqa' minn bosta aspetti r-riżultati li nkisbu dwar id-direzzjoni tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013. B'hekk, l-Unjoni Ewropea qiegħda twieġeb għall-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati mis-settur agrikolu Ewropew fis-snin li ġejjin.<br>Il-Ġermanja ma tistax, għar-raġunijiet li ġejjin, tappoġġa xi wħud mir-regolamenti proposti dwar l-Organizzazzjoni Komuni għal Swieq futura:<br>= Taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 43 (3) TFUE), il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, imposti, għajnuna u limitazzjonijiet kwantitattivi. Għalhekk, hija esklużivament ir-responsabbiltà tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli bħal dawn.<br>= Il-Ġermanja tqis li mhix aċċettabbli devjazzjoni minn dan l-attribut kuntrattwali ċar ta' responsabbiltajiet bejn l-istituzzjonijiet tal-UE.<br>= Għal raġunijiet ġenerali li jirrigwardaw id-dritt Komunitarju wkoll, aħna ma nistgħux napprovaw tali ksur tad-dritt primarju għaliex dan jistabbilixxi preċedent għal devjazzjonijiet mid-diviżjonijiet tas-setgħa f'oqsma ta' politika oħrajn.<br>Għalhekk, il-Ġermanja tirrifjuta r-Regolament ippreżentat dwar l-Organizzazzjoni Komuni għal Swieq futura. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 487–548 | PE-CONS 93/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Tastjeni: CZ |
| **Dikjarazzjoni mill-Italja**<br>L-Italja tinnota b'dispjaċir li l-qbil li ntlaħaq f'Ġunju li għadda fi ħdan il-Kunsill, matul il-proċess ta' negozjati mal-Parlament Ewropew dwar ir-riforma tal-PAK, dwar iż-żieda minn 65% għal 75% tar-rata ta' appoġġ massima għall-infiq fuq l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 37, paragrafu 5, tar-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali, ma tqiesx.<br>Il-proposta kellha l-għan li tarmonizza diversi persentaġġi ta' intensitajiet ta' għajnuna, li bħalissa mhumiex uniformi, skont l-istrumenti finanzjarji li setgħu jiġu attivati.<br>Għalhekk wieħed jittama li din il-kwistjoni tkun tista' tiġi indirizzata dalwaqt matul l-inizjattivi legali li jmiss marbuta mar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni. | | | |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija dwar l-Artikolu 32(4)**<br>L-Awstrija tiddikjara li l-limiti speċifiċi li ser jiġu applikati għad-delimitazzjoni taż-żoni skont l-Artikolu 32(4) tar-Regolament dwar il-FAEŻR ser jiġu ddefiniti mill-Istati Membri. | | | |
| Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 549–607 | PE-CONS 94/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kondizzjonalità**<br>Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni biex timmonitorja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2000/60/KE tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma kif ukoll tad-Direttiva 2009/128/KE tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidu u, fejn xieraq, tippreżenta, ladarba dawn id-Direttivi jkunu ġew implimentati mill-Istati Membri kollha u jkunu ġew identifikati l-obbligi applikabbli direttament għall-bdiewa, proposta leġislattiva li temenda dan ir-regolament bil-ħsieb li l-partijiet rilevanti ta' dawn id-Direttivi jiddaħħlu fis-sistema tal-kondizzjonalità. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat**<br>Il-Kunsill, wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-hekk imsejħa klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni, itenni li l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2, punt b) tar-Regolament 182/2011 dwar il-Proċedura ta' Kumitat mhuwiex eċċezzjoni għar-regola ġenerali u lanqas ma kien intenzjonat li jkun.<br>Huwa għal-leġislatura li tiddetermina, fl-att bażiku u fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, jekk tużax jew le l-għażla magħmula disponibbli permezz tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) u b'hekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni fin-nuqqas ta' opinjoni mill-Kumitat. L-ebda kunsiderazzjoni ta' natura legali ma tillimita l-possibbiltà li tintuża din l-għażla. Għall-kuntrarju ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat, il-paragrafu 5(4) ma jitlob l-ebda ġustifikazzjoni speċifika għal din l-għażla. |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-klawżola ta' nuqqas ta' opinjoni**<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p.13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jkun bi tweġiba għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola tal-prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita bl-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, punt b), ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun ġustifikat. |

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar pagamenti tardivi magħmula mill-aġenziji tal-ħlas lill-benefiċjarji (Artikolu 40)<br>Il-Kummissjoni Ewropea tiddikjara li meta hija tadotta regoli dwar it-tnaqqis ta' ħlasijiet lura lill-aġenziji tal-pagamenti f'każ ta' pagament magħmul lill-benefiċjarji wara l-aktar data tard possibbli stipulata mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, ser jinżamm il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet attwali relatati mal-pagamenti tard għall-FAEG.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar il-livell ta' implimentazzjoni (Artikolu 118)<br>Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma li f'konformità mal-Artikolu 4(2) TUE, l-Unjoni tirrispetta l-istrutturi kosituzzjonali tal-Istati Membri u, għalhekk, l-Istati Membri huma responsabbli li jiddeċiedu f'liema livell territorjali jixtiequ jimplimentaw il-politika agrikola komuni, soġġett għar-rispett tad-dritt tal-Unjoni u li jiżguraw l-effikaċja tiegħu. Dan il-prinċipju japplika għall-erba' Regolamenti kollha tar-riforma tal-PAK.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 865–883</td><td>PE-CONS 103/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp rurali<br>Il-Kummissjoni tiddikjara li ser tikkoopera b'mod kostruttiv mal-Istati Membri fit-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi l-ġodda għall-iżvilupp rurali bl-għan li tiżgura transizzjoni mingħajr xkiel għall-perijodu ta' programmazzjoni l-ġdid, anke għal miżuri mhux koperti mill-Artikolu 1 tar-Regolament Transitorju.<br>Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li ser jagħmlu użu mill-possibilità skont l-Artikolu 1 tar-Regolament Transitorju li jippermettilhom jieħdu impenji legali ġodda għall-operazzjonijiet ta' irrigazzjoni biex jagħmlu dan b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti għal operazzjonijiet bħal dawn fl-Artikolu 46(3) tar-Regolament il-ġdid dwar l-Iżvilupp Rurali għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020.</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli<br>ĠU L 346, 20/12/2013, p. 12–19 | 15173/13 + COR 1 |
| **Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tqis li peress li r-riallokazzjoni tal-kwoti taz-zokkor taqa' taħt l-Artikolu 138 tar-Regolament dwar l-OKS unika, l-aġġustament ta' dawn il-kwoti għandu jaqa' taħtu wkoll.<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-iskemi tal-frott għall-iskejjel u tal-ħalib għall-iskejjel, hija biħsiebha tirrieżamina l-għajnuna għad-distribuzzjoni tal-ħalib kif ukoll il-kofinanzjament tal-ispejjeż tal-iskema tal-frott tal-iskejjel, inkluż fil-gżejjer minuri tal-Eġew. | |
| 2014/5/EU: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles<br>ĠU L 4, 09/01/2014, p. 1–2 | 16647/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 11/2014 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles<br>ĠU L 4, 09/01/2014, p. 38–39 | 16650/13 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet | 16126/13 |
| Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet | 16129/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal Ftehim ġdid dwar Sħubija tas-Sajd u Protokoll mar-Repubblika tas-Senegal | 17045/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1389/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 24–25 | 15853/13 |
| 2013/785/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 1–3 | 14165/13 |

**Dikjarazzjoni mid-Danimarka**

Id-Danimarka tenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-UE għall-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali billi s-sajd isir biss fuq riżorsi żejda u bil-prevenzjoni ta' sajd eċċessiv ta' stokkijiet skont il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd. Id-Danimarka tfakkar fid-direttivi ta' negozjar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 biex il-Kummissjoni tingħata mandat biex tiftaħ negozjati għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Marokk.

Id-Danimarka tqis li fit-test tal-protokoll mhuwiex iddokumentat biżżejjed li hija żgurata ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, speċjalment li s-sajd għandu jsir biss meta jkun hemm iż-żejjed. B'hekk, ġestjoni sostenibbli tidher li tiddependi b'mod sħiħ fuq ġestjoni tas-sajd fil-Marokk, il-miżuri ta' ġestjoni reġjonali u l-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Marokk.

Id-Danimarka tenfasizza wkoll li l-Unjoni għandha tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi meta tidħol fi ftehimiet bilaterali. Madankollu, dawn l-aspetti mhumiex iddikjarati b'mod ċar fil-Protokoll tal-Marokk bħal fil-protokolli l-oħra dwar is-sajd fil-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd.

Huwa ta' importanza kbira li tiġi rrispettata l-liġi internazzjonali, inkluż li r-riżorsi tas-sajd ikunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni lokali, inkluż fis-Saħara tal-Punent. Fl-opinjoni tad-Danimarka, il-konformità mal-liġi internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem jiddependu fuq l-implimentazzjoni konkreta tal-protokoll mill-awtoritajiet Marokkini.

Għal dawn ir-raġunijiet, id-Danimarka tivvota kontra l-proposti għall-iffirmar, il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda**

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda huma tal-opinjoni li l-proposti biex jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Renju tal-Marokk jinkludu elementi li jindirizzaw tħassib li ġie espress qabel.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jagħtu importanza fundamentali lir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll.

Fil-prinċipju, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jilqgħu l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Protokoll dwar il-kompiti ta' ppjanar u rappurtar tal-Marokk fir-rigward tad-distribuzzjoni reġjonali tal-fondi, speċjalment fir-rigward tal-benefiċċji ekonomiċi u soċjali mistennija u d-distribuzzjoni ġeografika ta' dawn il-benefiċċji.

Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kunsill b'mod komprensiv u regolari dwar ir-rendimenti li jaslu mill-popolazzjoni tas-Saħara tal-Punent b'riżultat tal-ftehim. Għandu jiġi żgurat li l-popolazzjoni Sahrawi tas-Saħara tal-Punent tingħata wkoll sehem adatt, u sehem li huwa konformi mal-interessi tagħha, fir-riżorsi finanzjarji li jirriżultaw mill-ftehim.

L-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut huwa tal-ogħla prijorità għall-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda. Il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jitolbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli, isiru kontrolli regolari tal-istokkijiet u tal-opportunitajiet tas-sajd u li l-Kunsill jiġi infurmat bir-riżultati ta' dawn il-kontrolli kif meħtieġ.

L-iffirmar tal-Protokoll huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li ilha ssostni l-UE rigward l-istatus tas-Saħara tal-Punent. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-possibbiltajiet mogħtija skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda jqisu li huwa aċċettabbli li l-Protokoll jiġi ffirmat.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Fir-rigward tal-Proposta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet u r-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, il-Finlandja ma tistax tappoġġa d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u r-Regolament, u tastjeni.

F'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, inkluż id-dritt għall-awtodeterminazzjoni, is-sovranità permanenti fuq riżorsi naturali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-Finlandja tenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-interessi u l-opinjoni tal-poplu fis-Saħara tal-Punent. Il-gwadann ekonomiku li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Protokoll għandu jkun ta' benefiċċju għall-poplu fir-reġjun tas-Saħara tal-Punent.

Il-Finlandja tqis li huwa essenzjali li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta fil-waqt u b'mod komprensiv lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-proġetti magħżula fil-Kumitat Konġunt u lill-benefiċċji maħluqa minn dawn il-proġetti fir-reġjun tas-Saħara tal-Punent.

**Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi**

Il-Pajjiżi l-Baxxi vvalutaw li l-protokoll il-ġdid dwar is-sajd bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk fuq tliet kriterji: il-konformità mal-liġi internazzjonali fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-protokoll fl-ibħra tat-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent, is-sostenibbiltà u l-profitt ekonomiku.

**Liġi internazzjonali**

Il-protokoll ma jirreferix b'mod espliċitu għas-Saħara tal-Punent, iżda jippermetti li jiġi applikat għal żoni marittimi li jmissu mas-Saħara tal-Punent li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Marokk. Il-Marokk, bħala s-setgħa amministrattiva tas-Saħara tal-Punent, ma jistax jinjora l-interessi u x-xewqat tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, meta japplika l-protokoll għal żoni marittimi bħal dawn. Il-Pajjiżi l-Baxxi jinnotaw li l-protokoll ma fih l-ebda dispożizzjoni li tiżgura li l-awtoritajiet tal-Marokk ser jużaw l-ammont imħallas għall-aċċess għar-riżorsi f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali li għandhom jingħataw lill-poplu tas-Saħara tal-Punent. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw li, skont il-liġi nazzjonali, il-poplu tas-Saħara tal-Punent għandu jibbenefika minn sehem proporzjonat ta' dan l-ammont. Għaldaqstant, il-konformità mal-liġi nazzjonali tiddependi mill-implimentazzjoni tal-protokoll mill-awtoritajiet tal-Marokk.

**Sostenibbiltà**

Il-Pajjiżi l-Baxxi jilqgħu l-flessibbiltà fir-rigward tal-aġġustament tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju. L-Artikolu 3 tad-dokument jistabbilixxi b'mod ċar ir-rwol tal-Kunsill f'din il-proċedura. Madankollu, il-Pajjiżi l-Baxxi jitfgħu dubju fuq iż-żieda attwali fl-opportunitajiet tas-sajd għas-settur pelaġiku fid-dawl tal-pariri xjentifiċi disponibbli.

**Profitt Ekonomiku**

Il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li l-kategorija pelaġika tikkostitwixxi tmenin fil-mija tal-valur tal-protokoll. F'dan ir-rigward, il-Pajjiżi l-Baxxi jinsabu mħassba li l-aġġustamenti tal-kundizzjonijiet tekniċi għas-settur pelaġiku tal-UE ser ifixklu li jkun hemm ammont ottimu ta' possibbiltajiet tas-sajd.

B'mod ġenerali, il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li attività tas-sajd skont il-qafas ta' ftehim ta' sħubija tikkostitwixxi garanzija aħjar għas-sostenibbiltà minn ftehimiet privati. Madankollu, b'kont meħud ta' dan kollu ta' hawn fuq, il-Pajjiżi l-Baxxi ser jastjenu mill-votazzjoni kemm dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar kif ukoll dwar il-konklużjoni tal-protokoll.

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Isvezja**<br>**Spjegazzjoni tal-votazzjoni**<br>Għal xi żmien, l-Isvezja kienet qed tiddubita minn jekk il-ftehim ta' sħubija tal-UE dwar is-Sajd mal-Marokk huwiex kompatibbli mal-liġi internazzjonali. Billi s-Saħara tal-Punent mhix parti mit-territorju Marokkin, il-liġi internazzjonali titlob li r-riżorsi tas-sajd tagħha għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-poplu Sahrawi fis-Saħara tal-Punent u f'konformità mal-interessi u x-xewqat tagħhom.<br>L-Isvezja tinnota l-isforzi li għamlu l-Kummissjoni u l-Marokk biex tiġi garantita allokazzjoni aħjar tad-dħul mill-ftehim fir-reġjun. Minkejja li sar xi progress fid-direzzjoni t-tajba, il-fehma tal-Isvezja hija li l-bidliet li saru mhumiex biżżejjed biex jiġi żgurat li l-obbligi tal-liġi internazzjonali jiġu sodisfatti fir-rigward tal-poplu Sahrawi fis-Saħara tal-Punent.<br>Minħabba din il-valutazzjoni ġenerali, l-Isvezja ma tistax tappoġġa l-protokoll għal ftehim ta' sħubija dwar is-sajd u ser tivvota kontra t-tliet proposti relatati mal-protokoll il-ġdid, jiġifieri l-proposti dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-protokoll il-ġdid, u dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd. |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jirrikonoxxi li sar progress f'xi oqsma ta' tħassib mill-mandat ta' negozjar tal-2011 'l hawn biex jiġi estiż il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Marokk. Dan jinkludi l-ftehim mill-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-Marokk għal rekwiżit ġdid biex jiġi rrappurtat l-impatt ġeografiku tal-protokoll. Filwaqt li jirrikonoxxi li dawn huma passi fid-direzzjoni t-tajba, ir-Renju Unit xorta għadu mħasseb b'dan il-protokoll rigward il-valur għall-flus u s-sostenibbiltà tal-istokkijiet li għandhom jinqabdu.<br>Barra minn hekk, ir-Renju Unit jemmen li l-protokoll għandu jiċċara wkoll l-obbligi tal-Marokk, sabiex jiġi żgurat li l-poplu tas-Saħara tal-Punent jibbenefika minn dan il-protokoll b'mod adegwat. Għalhekk, ir-Renju Unit qed jastjeni dwar id-deċiżjonijiet għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' dan il-Protokoll minħabba li dan ma jissodisfax b'mod sħiħ dan it-tħassib. |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tenfasizza li l-kunsens tal-Parlament Ewropew ser ikun meħtieġ, ikun xi jkun il-każ, għall-konklużjoni tal-Protokoll ġdid dwar is-Sajd mal-Marokk u li, għalhekk, il-bażi legali materjali preċiża tal-Artikolu 43(2) TFUE kif kienet ipproponiet kienet l-aktar waħda adegwata f'rabta mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)(a) u (7) tat-TFUE.<br>Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata konklużjoni rapida tal-Protokoll il-ġdid maħsub fiċ-ċirkustanzi attwalment prevalenti ta' urġenza, il-Kummissjoni ma topponix kompromess tal-Presidenza, li permezz tiegħu l-bażi legali tinbidel għall-"Artikolu 43 TFUE f'rabta mal-bażi legali proċedurali tal-Artikolu 218(6)(a) u (7) tat-TFUE", filwaqt li l-istess proċedura ta' kunsens għad trid tiġi applikata. Dan bl-ebda mod ma għandu jikkostitwixxi preċedent. | |
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020<br>ĠU L 347, 20/12/2013, p. 948–964 | 16463/13 + COR 1 |
| **Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu**<br>Il-Lussemburgu jagħraf l-importanza tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, kif ukoll il-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq is-sikurezza nukleari, li jikkontribwixxu għal bidla fir-riċerka nukleari. Għalhekk il-Lussemburgu jilqa' t-test ta' kompromess filwaqt li madankollu jżomm l-attitudni kritika tiegħu rigward ir-riċerka nukleari inġenerali.<br>Madankollu, il-Lussemburgu jenfasizza li, fil-ġejjieni, il-fondi Ewropej għar-riċerka u t-taħriġ għandhom ikunu aktar immirati lejn l-enerġija rinnovabbli.<br>Peress li l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) ma jagħtix bidu għal bidla bħal din lejn l-enerġija rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel miegħu fl-intier tiegħu u għalhekk jastjeni mill-vot. | |

<table>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Ġermanja<br>Il-Ġermanja taqbel mal-proposta sabiex jiġi evitat li tiġi imblokkata deċiżjoni dwar il-proposta tal-Presidenza. Il-proposta tal-Presidenza tqis il-ħtiġijiet addizzjonali fil-baġit, iżda l-Ġermanja temmen li l-ippeżar differenti tal-prijoritajiet huwa xierqa fid-dawl tal-miżuri adottati fl-2011 wara Fukushima. L-abbozz attwali tar-Regolament ma jagħtix prijorità adegwata lir-riċerka fis-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni li tibqa' meħtieġa sabiex jittejbu kontinwament is-sikurezza u l-protezzjoni mir-radjazzjoni.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-fatt li l-Kunsill ma żammx id-distribuzzjoni tal-baġit bejn it-tliet komponenti tal-programm Euratom, kif indikata fil-proposta tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2011.<br>B'mod partikolari, il-Kummissjoni jiddispjaċiha li d-distribuzzjoni fit-test tal-Kunsill fiha proporzjon inqas għall-azzjonijiet diretti minn dik tal-proposta tal-Kummissjoni li kienet appoġġata bir-riżoluzzjoni leġislattiva adottata mill-PE fid-19 ta' Novembru 2013.<br>Is-sikurezza nukleari u s-sigurtà huma prijoritajiet importanti tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea. Ir-riċerka diretta tikkontribwixxi għad-definizzjoni tas-soluzzjonijiet maqbula b'mod komuni rigward is-sikurezza u s-sigurtà. L-ispiża biex jinżammu l-infrastrutturi tal-Euratom li qed jippermettu din ir-riċerka qed tiżdied minħabba rekwiżiti tekniċi aktar stretti definiti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Għalhekk, huwa importanti li jinżamm qafas finanzjarju adegwat għar-riċerka diretta.</td></tr>
<tr><td>2013/792/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Finlandja<br>ĠU L 349, 21/12/2013, p. 103–103</td><td>17056/13</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1371/2013 tas-16 ta’ Diċembru 2013 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kunsinjati mill-Indja u mill-Indoneżja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja u mill-Indoneżja kif ukoll jekk le<br>ĠU L 346, 20/12/2013, p. 20–26 | 17074/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehimiet fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Awstralja, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, il-Kanada, ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja u l-Ġappun skont l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) 1994, rigward il-modifiki tal-impenji fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea | 14720/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monako u r-Repubblika ta' San Marino | 16075/13 |

| It-3286 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 2013 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET |
| Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ħdax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (Brussell, 16 ta' Diċembru 2013) | 17567/13 |
| | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà<br>ĠU L 341, 18/12/2013, p. 56–67 | 16917/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehim bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-informazzjoni klassifikata | 16920/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) u r-Reġjun tal-Lagi l-Kbar | 17251/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu | 17804/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana | 17835/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani | 17817/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mjanmar/Burma | 17295/13 |

| It-3287 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2013 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Direttiva tal-Kunsill 2013/61/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u b'mod partikolari l-Majott<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 5–6 | 16766/13 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill 2013/62/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Direttiva 2010/18/UE li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 7–7 | 16663/13 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 86–89 | 16664/13 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 2013/64/UE tas-17 ta’ Diċembru 2013 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/271/KEE u 1999/74/KE, u d-Direttivi 2000/60/KE, 2006/7/KE, 2006/25/KE u 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 8–12 | 16665/13 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1413/2013/UE tas-17 ta’ Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 13–14 | 16835/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1412/2013 tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal importazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2014 sal-2020<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 1–4 | 16672/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| 2013/805/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja li tintroduċi miżuri li jidderogaw mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 51–52 | 17041/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 5/2013: Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE jintefqu sew fuq it-toroq? | 17691/13 |

| | |
|---|---|
| 2013/811/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li tiddetermina għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill l-awtorità bis-setgħa ta' ħatra u l-awtorità bis-setgħa ta' konklużjoni tal-kuntratti ta' reklutaġġ u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/444/UE<br>ĠU L 355, 31/12/2013, p. 91–91 | 17690/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-forma tal-laissez-passer maħruġin mill-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 26–39 | 16225/13 + COR 1 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1415/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jaġġusta, mill-1 ta' Lulju 2013, ir-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 23–23 | 16217/13 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Fid-dawl tad-deċiżjonijiet reċenti u futuri fil-każijiet tal-aġġustamenti tal-2011 u l-2012 tas-salarji u l-pensjonijiet tal-persunal tal-UE u l-każ dwar l-aġġustament tal-2011 tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri f'konformità mal-Artikolu 266 TFUE biex jiġu implimentati dawn id-deċiżjonijiet. L-aġġustament tas-salarji jew, għall-2011, tar-rata tal-kontribuzzjoni, jista' jinkludi kalkolu mill-ġdid tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni għall-2012 u l-2013. F'tali każijiet il-Kummissjoni tagħmel l-aħjar li tista' biex tiżgura li r-rata tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni applikata żżomm l-iskema tal-pensjoni fil-bilanċ attwarju. B'mod partikolari, għal dan l-iskop il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Kunsill il-proposti kollha meħtieġa biex ikun jista' jaġġusta r-rati ta' kontribuzzjoni għas-snin 2012 u 2013 għal-livell rekwiżit biex jiġi rrispettat il-bilanċ attwarju. | |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1416/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jaġġusta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2013<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 24–25 | 16221/13 |
| **Dikjarazzjoni mid-Danimarka**<br>Id-Danimarka tivvota kontra l-proposta. Id-Danimarka tinnota l-oppożizzjoni tagħha fil-prinċipju għall-metodu tal-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-UE, minħabba l-livell għoli tas-salarji fl-istituzzjonijiet tal-UE. | |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1414/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu f'pajjiżi terzi<br>ĠU L 353, 28/12/2013, p. 15–22 | 16031/13 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Islanda dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Islanda dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha u tal-Islanda fit-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima | 17181/13 + ADD 1 |

<table>
<tr><td>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1388/2013 tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 7/2010<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 319–325</td><td>16244/13<br>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td>Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1387/2013 tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1344/2011<br>ĠU L 354, 28/12/2013, p. 201–318</td><td>16245/13<br>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni minn Franza<br>Franza tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2014.<br>L-objettiv ġenerali ta' dan it-tip ta' miżura huwa li jikkontribwixxu fit-titjib tal-kapaċità ta' kompetizzjoni tal-industrija tal-UE u sabiex jiġu protetti jew jinħolqu l-impjiegi.<br>Għal ċerti setturi partikolarment esposti għall-effetti tal-kriżi ekonomika, xi drabi din il-miżura ssir essenzjali għaż-żamma tal-attivitajiet tagħhom.<br>Huwa l-każ tas-settur Franċiż tal-injam plywood li sa tmiem is-sena 2013 jibbenefika minn Sistema ta' Peferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) li jaqa' taħtha l-Gabon, pajjiż li jesporta l-injam okoumé.<br>Iż-żieda ta' 6% tad-dazji doganali ġġib ir-riskju li tikkomprometti b'mod serju l-bilanċ ekonomiku tal-intrapriżi kkonċernati, li tirrappreżenta xi eluf ta' impjiegi.<br>Sabiex dawn l-intrapriżi jkunu jistgħu jkomplu l-produzzjoni tagħhom, Franza ser tippreżenta talba ta' sospensjoni fir-Regolament li jmiss tal-Kunsill applikabbli mill-1 ta' Lulju 2014, b'effett retroattiv fl-1 ta' Jannar 2014.<br>Il-konsultazzjonijiet immexxija minn Franza dwar dan id-dossier jikkonfermaw li tali sospensjoni tirrispondi tajjeb għall-interess tal-Unjoni u għall-ħtiġijiet tal-industrija, u l-fatt li terġa' tiddaħħal fl-abbozz ta' Regolament mhuwa ser ikollu l-ebda impatt negattiv fuq l-Istati Membri l-oħra.</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Analiżi tas-SEAE</td><td>17973/13</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tkabbir u proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni</td><td>17952/13</td></tr>
</table>

| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-26 ta' Novembru 2013** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT/ DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta’ Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 352, 24/12/2013, p. 51–52 | 17830/13 |